



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2018
COM(2018) 640 final

2018/0331 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online

Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'*Salzburg fid-19-20 ta' Settembru 2018*

{SEC(2018) 397 final} - {SWD(2018) 408 final} - {SWD(2018) 409 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-ubikwità tal-internet tippermetti lill-utenti jikkomunikaw, jaħdmu, jissoċjalizzaw, joħlqu, jiksbu u jaqsmu informazzjoni u kontenut ma' mijiet ta' miljuni ta' individwi madwar id-dinja. Il-pjattaformi tal-internet jiġġeneraw benefiċċji sinifikanti għall-benesseri ekonomiku u soċjali tal-utenti madwar l-Unjoni u lil hinn minnha. Madankollu, il-kapaċità li tintlaħaq udjenza kbira bħal din bl-anqas spejjeż possibbli tattira wkoll il-kriminali li jridu jagħmlu użu ħażin mill-internet għal skopijiet illegali. Attakki terroristiċi riċenti fl-UE wrew kif it-terroristi jagħmlu użu ħażin mill-internet biex iħejju u jirreklutaw lis-sostenituri, biex jippreparaw u jiffaċilitaw l-attività terroristika, biex jiġġlorifikaw fl-atroċitajiet tagħhom u jħeġġu lill-oħrajn jagħmlu l-istess u jnissu l-biża' fil-pubbliku ġenerali.

Kontenut terroristiku maqsum onlajn għal dawn l-iskopijiet jinxtred permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting li jippermettu li jittella' kontenut ta' partijiet terzi. Il-kontenut terroristiku onlajn kien strumentali fir-radikalizzazzjoni u l-ispirazzjoni tal-attakki mill-hekk imsejja l-pup solitarji f'diversi attacchi terroristiċi riċenti fl-Ewropa. Kontenut bħal dan mhux biss johlq impatti sinifikanti negattivi fuq individwi u s-soċjetà b'mod ġenerali, iżda jnaqqas ukoll il-fiduċja tal-utenti fl-internet u jaffettwa l-mudelli ta' negozju u r-reputazzjoni ta' dawk il-kumpaniji milquta. It-terroristi mhux biss għamlu użu ħażin minn pjattaformi kbar tal-midja soċjali, iżda wkoll fornituri li joffru tipi differenti ta' servizzi ta' hosting globalment. Dan l-użu ħażin tal-internet jenfasizza r-responsabilità partikolari tas-soċjetà tal-pjattaformi tal-internet biex jipproteġi lill-utenti tiegħu minn esponiment għal kontenut terroristiku u r-riskji għas-sigurtà severi li dan il-kontenut iġib miegħu għas-soċjetà b'mod ġenerali.

Fornituri ta' servizzi ta' hosting li jwieġbu għal sejħiet minn awtoritajiet pubbliċi, poġġew fis-seħħ ċertu miżuri biex jiġi trattat kontenut terroristiku fuq is-servizzi tagħhom. Sar progress permezz ta' oqfsa u sħubiji volontarji inkluż il-Forum tal-Internet tal-UE li tnieda f'Diċembru 2015 skont l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà. Il-Forum tal-Internet tal-UE ippromwova l-kooperazzjoni u l-azzjonijiet volontarji tal-Istati Membri u tas-servizzi ta' hosting biex inaqqas l-aċċessibilità għall-kontenut terroristiku onlajn u biex jagħti setgħa lis-soċjetà ċivili biex iżżid il-volum ta' narrattivi alternattivi onlajn li jkunu effettivi. Dawn l-isforzi kkontribwew għaż-żieda fil-kooperazzjoni, għat-titjib fir-reazzjonijiet minn kumpaniji għal konsultazzjonijiet minn awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-Unità ta' Indikazzjonijiet ta' Kontenut fuq l-Internet tal-Europol, l-iskjerament ta' miżuri proattivi volontarji biex titjeb id-detezzjoni awtomatika ta' kontenut terroristiku, aktar kooperazzjoni bejn l-industrija - inkluż l-iżvilupp tal-bażi ta' *data* ta' hashes biex jiġi evitat milli kontenut terroristiku magħruf jittella' fuq pjattaformi konnessi-, kif ukoll trasparenza miżjuda fl-isforzi. Filwaqt li l-kooperazzjoni skont il-Forum tal-UE dwar l-Internet għandha tkompli fil-futur, il-ftehimiet volontarji wrew ukoll il-limitazzjonijiet tagħhom. L-ewwel nett mhux il-fornituri ta' servizzi ta' hosting kollha involvew ruħhom fil-Forum u t-tieni, l-iskala u l-pass tal-progress fost il-fornituri ta' servizzi ta' hosting b'mod ġenerali m'huwiex biżżejjed biex jindirizza din il-problema b'mod adegwat.

Minħabba dawn il-limitazzjonijiet, hemm hteġġa ċara għal azzjonijiet imsaħħa mill-Unjoni Ewropea kontra l-kontenut terroristiku onlajn. Fl-1 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar miżuri biex tiġġieled b'mod effettiv il-kontenut illegali onlajn, u

tkompli tibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru¹ kif ukoll sforzi skont il-Forum tal-UE dwar l-Internet. Ir-Rakkomandazzjoni inkludiet kapitolu speċifiku li jidentifika għadd ta' miżuri biex irażżnu b'mod effettiv li tittella jew tinqasam propaganda terroristika onlajn, bħal titjib fil-proċess ta' konsultazzjonijiet, limitu ta' żmien ta' siegħa biex jitwiegħbu l-konsultazzjonijiet, detezzjoni aktar proattiva, tneħħija effettiva u biżżejjed ssalvagwardji biex kontenut terroristiku jiġi vvalutat bir-reqqa².

Il-bżonn li tizzied l-azzjoni b'rabta mal-kontenut terroristiku onlajn ġie rifless ukoll f'sejħiet mill-Istati Membri tal-UE, u xi wħud diġa' l-leġiżlaw jew esprimew pjanijiet li jagħmlu dan. Wara serje ta' attakki terroristiċi fl-UE u minħabba l-fatt li l-kontenut terroristiku onlajn għadu aċċessibbli faċilment, il-Kunsill Ewropew tat-22-23 ta' Ġunju 2017 talab lill-industrija tiżviluppa teknoloġija u għodod ġodda biex ittejjeb id-detezzjoni u t-tneħħija awtomatika ta' kontenut li jhegġegħ l-atti terroristiċi. Dan, jekk meħtieġ, għandu jiġi kkumplimentat mill-miżuri leġiżlattivi rilevanti fil-livell tal-UE. Il-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018 laqa' "l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex jitjeb il-kxif u t-tneħħija ta' kontenut li jinċita il-mibegħda u t-twettiq ta' atti terroristiċi". Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu ta' pjattaformi onlajn u s-suq uniku diġitali tal-15 ta' Ġunju 2017, hegġegħ lill-pjattaformi kkonċernati biex "isaħħu l-miżuri li jindirizzaw kontenut illegali u ta' ħsara" u sejjaħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u bi tweġiba għas-sejħiet mill-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew, din il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li tistabbilixxi qafas legali ċar u armonizzat biex tevita l-użu ħażin ta' servizzi ta' hosting għat-tixrid ta' kontenut terroristiku onlajn, biex jiġi garantit il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq Uniku Diġitali filwaqt li jiġu żgurati l-fiduċja u s-sigurtà. Dan ir-Regolament ifittex li jagħti ċarezza dwar ir-responsabilità ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting fit-teħid ta' azzjonijiet xierqa, raġonevoli u proporzjonati meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà tas-servizzi tagħhom u għad-detezzjoni u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku onlajn malajr u b'mod effettiv, filwaqt li titqies l-importanza fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni f'soċjetà miftuħa u demokratika. Dan jintroduċi wkoll għadd ta' salvagwardji neċessarji mfassla biex jiżguraw rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali bħall-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni f'soċjetà demokratika, barra rimedju effettiv kif minqax fl-Artikolu 19 TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Bit-twaqqif ta' set minimu ta' kompiti ta' kura fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jinkludu xi regoli u obbligi speċifiċi, kif ukoll obbligi fuq l-Istati Membri, il-proposta beħsiebha żżid l-effettività ta' miżuri preżenti għad-detezzjoni, l-identifikar u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku onlajn mingħajr ma tinfes id-drittijiet fundamentali bħall-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni. Qafas legali armonizzat bħal dan se jiffaċilita d-dispożizzjoni ta' servizzi onlajn tul is-Suq Uniku Diġitali, jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-fornituri kollha ta' servizzi ta' hosting billi jindirizza s-servizzi tagħhom lill-Unjoni Ewropea u se jipprovdi qafas legali b'saħħtu għad-detezzjoni u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku akkumpanjat minn salvagwardji xierqa li jipproteġu d-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, l-obbligi għat-trasparenza se jiżiedu fost iċ-ċittadini u b'mod partikolari l-utenti tal-internet, u jtejjbu l-kontabilità u t-trasparenza tal-azzjonijiet tal-kumpaniji, inkluż ir-rispett ta' awtoritajiet pubbliċi. Il-proposta tistabbilixxi wkoll obbligi li jpoġġu fis-seħħ mekkaniżmi ta' rimedju u

¹ Komunikazzjoni (COM(2017) 555 final) dwar it-ttrattament ta' kontenut illegali onlajn.

² Ir-Rakkomandazzjoni (C(2018)1177 final) tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzati b'mod effettiv il-kontenut illegali onlajn.

ta' ilment biex jiżguraw li l-utenti jistgħu joġġezzjonaw it-tneħħija tal-kontenut tagħhom. L-obbligi fuq l-Istati Membri se jikkontribwixxu għal dawn l-oġġettivi, kif ukoll itejjbu l-kapaċità ta' awtoritajiet rilevanti biex jieħdu azzjonijiet xierqa kontra l-kontenut terroristiku onlajn u biex jiġġieldu l-kriminalità. Fejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jonqsu milli jikkonformaw mar-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jimponu l-multi.

1.2. Il-konsistenza mal-qafas legali tal-UE eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta attwali hija konsistenti mal-*acquis* marbut mas-Suq Uniku Diġitali u b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku. B'mod partikolari kwalunkwe miżura li tittieħed mill-fornitur ta' servizzi ta' hosting f'konformità ma' dan ir-Regolament, inklużi kwalunkwe miżuri proattivi, m'għandhomx iwasslu fihom infushom biex dak il-fornitur tas-servizzi jitlef il-benefiċċju tal-eżenzjoni tar-responsabilità stipulata, skont ċertu kundizzjonijiet, fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku. Deċiżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali li timponi tali miżuri proattivi speċifiċi m'għandhiex, fil-prinċipju, twassal għall-impożizzjoni ta' obbligu ġenerali ta' monitoraġġ, kif previst fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31/KE lejn l-Istati Membri. Madankollu, minħabba riskju partikolarment serju assoċjat mat-tixrid ta' kontenut terroristiku, id-deċiżjonijiet skont dan ir-Regolament jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jidderogaw minn dan il-prinċipju skont qafas tal-UE. Qabel ma tadotta deċiżjonijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha ssib bilanċ ġust bejn il-ir-rekwiżiti ta' sigurtà pubblika u l-interessi u d-drittijiet fundamentali involuti, b'mod partikolari, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà li twettaq negozju, u l-protezzjoni ta' *data* personali u tal-privatezza. Id-dmirijiet ta' kura tal-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jirrifletti u jirrispettaw dan il-bilanċ li huwa espress fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

Il-proposta hija wkoll konsistenti u allinjata mill-qrib mad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, li l-għan tagħha huwa li tarmonizza l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri li tikkriminalizza r-reati terroristiċi. L-Artikolu 21 tad-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu jeħtieġ lill-Istati Membri biex jieħu miżuri li jiżguraw it-tneħħija minnufih ta' kontenut onlajn limitat għall-provokazzjoni pubblika u jħalli l-għażla tal-miżuri f'idejn l-Istati Membri. Dan ir-Regolament, minħabba n-natura preventiva tiegħu, ikopri mhux biss materjal li jħeġġeġ it-terroriżmu iżda wkoll materjal għal skopijiet ta' reklutaġġ jew taħriġ, li jirrifletti reati oħra marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, li huma wkoll koperti mid-Direttiva(UE) 2017/541. Dan ir-Regolament jimponi direttament id-dmirijiet ta' kura fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex ineħħi l-kontenut terroristiku onlajn u jarmonizza proċeduri għall-ordnijiet ta' tneħħija bl-għan li titnaqqas l-aċċessibilità għall-kontenut terroristiku onlajn.

Ir-Regolament jikkumplimenta r-regoli stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva sakemm il-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tagħha jkunu usa'. Ir-Regolament ma jkoprix biss pjattaformi ta' video-sharing iżda t-tipi differenti kollha ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting. Flimkien ma' dan, huwa jkopri mhux biss filmati iżda wkoll stampi u test miktub. Barra minn hekk, ir-Regolament attwali jmur 'il hinn mid-Direttiva f'termini ta' dispożizzjonijiet sostantivi billi jarmonizza r-regoli għal talbiet biex jitneħħa kontenut onlajn kif ukoll miżuri proattivi.

Ir-Regolament propost jibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni³ dwar kontenut illegali ta' Marzu 2018. Ir-rakkomandazzjoni tibqa fis-seħħ, u dawk kollha li għandhom rwol

³ Ir-Rakkomandazzjoni (C(2018)1177 final) tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali onlajn.

fit-tnaqqs tal-aċċessibilità għall-kontenut illegali - inkluż kontenut terroristiku - għandhom ikompli jallinjaw l-isforzi tagħhom mal-miżuri identifikati fi ħdan ir-Rakkomandazzjoni.

1.3. Sommarju tar-Regolament propost

L-ambitu personali tal-proposta jinkludi fornituri ta' servizzi ta' hosting li joffru s-servizzi tagħhom fi ħdan l-Unjoni, irrilevament mill-post ta' stabbiliment jew mid-daqs tagħhom. Il-leġislazzjoni proposta tintroduċi għadd ta' miżuri biex tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi ta' hosting għat-tixrid ta' kontenut terroristiku onlajn biex jiġi garantit il-funzjonament mingħajr xkiel tas-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li jiġu żgurati l-fiduċja u s-sigurtà. Id-definizzjoni ta' kontenut terroristiku illegali hija f'konformità mad-definizzjoni ta' reati terroristiċi kif stabbilita fid-Direttiva (UE) 2017/541 u hija definita bħala informazzjoni li tintuża biex tteġġeg u tigglorifika l-kummissjoni ta' reati terroristiċi, tteġġeg il-kontribuzzjoni għal u ttiprovdi struzzjonijiet għat-twettiq ta' reati terroristiċi kif ukoll tippromwovi l-parteċipazzjoni fi gruppi terroristiċi.

Biex tiġi żgurata t-tneħħija ta' kontenut terroristiku illegali, ir-Regolament jintroduċi ordni ta' tneħħija li jista' jinħareġ bħala deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja minn awtorità kompetenti fi Stat Membru. F'każijiet bħal dawn il-fornituri tas-servizzi onlajn huwa obligat ineħħi l-kontenut jew jagħlaq l-aċċess għalih fi żmien siegħa. Barra minn hekk, ir-Regolament jarmonizza r-rekwiżiti minimi għal konsultazzjonijiet mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mill korpi tal-Unjoni (bħall-Europol) biex il-fornituri tas-servizzi ta' hosting jiġu vvalutati mat-termini u kundizzjonijiet rispettivi tagħhom. Fl-aħħar, ir-Regolament jeħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting, fejn xieraq jieħdu miżuri proattivi proporzjonati mal-livell ta' riskju u jneħħu l-materjal terroristiku mis-servizzi tagħhom, inkluż permezz tal-iskjerament ta' għodod ta' detezzjoni awtomatizzati,

Il-miżuri mfassla biex inaqqsu l-kontenut terroristiku onlajn huma akkumpanjati minn għadd ta' salvagwardji ewlenin biex jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fundamentali. Bħala parti mill-miżuri biex jiġi protett il-kontenut li mhux kontenut terroristiku mit-tneħħija bi żball, il-proposta tistabbilixxi obbligi li jitpoġġew fis-seħħ mekkaniżmi ta' rimedju u ta' ilment biex jiġi żgurat li l-utenti jistgħu joġġezzjonaw it-tneħħija tal-kontenut tagħhom. Barra minn hekk, ir-Regolament jintroduċi obbligi dwar it-trasparenza għall-miżuri meħuda kontra kontenut terroristiku minn fornituri ta' servizzi ta' hosting, u b'hekk jiżgura kontabilità lejn l-utenti, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi.

Ir-Regolament jobbliga wkoll lill-Istati Membri biex jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom il-kapaċità neċessarja biex jintervjenu kontra kontenut terroristiku onlajn. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma obligati jinfurmaw u jikkooperaw ma' xulxin u jistgħu jagħmlu użu mill-mezzi stabbiliti minn Europol biex jiżguraw koordinazzjoni fir-rigward ta' ordnijiet u konsultazzjonijiet ta' tneħħija. Ir-regolament jipprevedi wkoll obbligi fuq fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jirrapportaw f'aktar dettall dwar miżuri meħuda u jinfurmaw lill-infurzar tal-liġi fid-detezzjoni ta' kontenut li jkun ta' risjku għall-ħajja jew għas-sigurtà. Fl-aħħar nett, hemm obbligu dwar il-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex iżommu l-kontenut li jneħħu, li jaħdem bħala salvagwardja kontra t-tneħħija bi żball u jiżgura li ma tintilifx evidenza potenzjali għall-iskop tal-prevenzjoni, detezzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi.

2. BAŻI LEGALI, SISSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi legali

Il-bażi legali hija l-Artikoli 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi għall-istabbiliment ta' miżuri biex jiżgura l-funzjonament tas-Suq Intern.

L-Artikolu 114 huwa l-bażi legali adatta biex jarmonizza l-kundizzjonijiet għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting madwar il-fruntieri fis-Suq Uniku Intern u biex jindirizza d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li inkella jistgħu jxekklu l-funzjonament tas-suq intern. Dan jevita wkoll li jixirfu xi ostakoli futuri għall-attività ekonomika li jirriżultaw minn differenzi fil-mod li jistgħu jiżviluppaw il-liġijiet nazzjonali.

L-Artikolu 114 TFUE jista' jintuża wkoll għall-obbligi fuq fornituri ta' servizzi stabbiliti barra t-territorju tal-UE fejn id-dispożizzjoni ta' servizz tagħhom taffettwa s-suq intern, minħabba li dan huwa meħtieġ għall-kisba tal-għan mixtieq tas-suq intern.

2.2. Għażla tal-istrument

L-Artikolu 114 TFUE jagħti lill-leġislator tal-Unjoni ċ-ċans li jadotta regolamenti u direttivi.

Minħabba li l-proposta tikkonċerna l-obbligi fuq il-fornituri tas-servizzi li normalment joffru s-servizzi tagħhom lil aktar minn Stat Membru wieħed, id-diverġenza fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli tfixxkel id-dispożizzjoni ta' servizzi minn fornituri li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed. Regolament jippermetti li l-istess obbligu jiġi impost b'mod uniformi madwar l-Unjoni, huwa applikabbli direttament, jipprovdi ċarezza u ċertezza legali akbar u jevita t-traspożizzjoni diverġenti fl-Istati Membri. Għal dawn ir-raġunijiet l-aktar forma xierqa li għandha tintuża għal dan l-istrument hija meqjusa li hija regolament.

2.3. Sussidjarjetà

Minħabba d-dimensjoni transfruntiera tal-problemi indirizzati, il-miżuri inklużi fil-proposta jeħtieġ li jiġu adottati fil-livell tal-Unjoni sabiex jinkisbu l-għanijiet. Min-natura tiegħu, l-internet huwa transfruntier, u l-kontenut ospitat fi Stat Membru normalment jista' jiġi aċċessat minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Il-qafas ta' regoli nazzjonali biex jindirizzaw il-kontenut onlajn qed jidher frammentat u r-riskji qed jiżdiedu. Dan jirriżulta f'piż għal kumpaniji li jikkonformaw ma' regolamenti diverġenti u joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi għal kumpaniji kif ukoll lakuni ta' sigurtà.

L-azzjoni tal-UE għalhekk issaħaħ iċ-ċertezza legali u żżid l-effettività tal-azzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting kontra kontenut terroristiku onlajn. Dan għandu jippermetti lil aktar kumpaniji biex jieħdu azzjoni inklużi kumpaniji stabbiliti barra l-Unjoni Ewropea, u jsaħħaħ l-integrità tas-suq uniku diġitali.

Dan jiġġustifika l-bżonn għal azzjoni tal-UE, kif imtenni mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018 li jħeġġu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġislattiva f'dan il-qasam.

2.4. Proporzjonalità

Il-proposta tistabbilizzi regoli għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex japplikaw miżuri biex ineħħu minnufih kontenut terroristiku mis-servizzi tagħhom. Karatteristiċi ewlenin jillimitaw il-proposta biss għal dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' politika.

Il-proposta tqis il-piż fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u s-salvagwardji, inkluż il-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni kif ukoll ta' drittijiet fundamentali oħra. Il-limitu ta' żmien ta' siegħa għat-tneħħija japplika biss għal ordnijiet ta' tneħħija, li għalihom l-awtoritajiet kompetenti iddeterminaw illegalità f'deċizzjoni li tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Għar-riferimenti, hemm obbligu li jitpoġġew fis-seħħ miżuri biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni minnufih ta' kontenut terroristiku, madankollu mingħajr ma jiġu imposti obbligi li dan jitneħħa, u mingħajr skadenzi ta' żmien assoluti. Id-deċizzjoni finali tibqa' deċizzjoni volontarja mill-fornitur ta' servizzi ta' hosting. Il-piż fuq kumpaniji biex

jivvalutaw il-kontenut huwa mtaffi mill-fatt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-korpi tal-Unjonijagħtu spjega ta' għaliex il-kontenut jista' jitqies bħala kontenut terroristiku. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting fejn xieraq għandhom jieħdu miżuri proattivi biex jipproteġu s-servizzi tagħhom kontra t-tixrid ta' kontenut terroristiku. Obbligi speċifiċi marbuta ma' miżuri proattivi huma limitati għal dawk il-fornituri ta' servizzi ta' hosting esposti għal kontenut terroristiku, kif muri mir-riċeviment ta' ordni ta' tneħħija li jkun sar finali, u għandhom ikunu proporzjonati mal-livell ta' riskju kif ukoll bħala riżorsi tal-kumpaniji. Iż-żamma tal-kontenut imneħħi u ta' *data* relatata hija limitata għal perjodu ta' żmien proporzjonat għall-iskopijiet ta' proċedimenti abilitanti ta' rieżami amministrattivi jew ġudizzjarju u għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi.

3. IR-RIŻULTATI TA' EVALWAZZJONIJIET EX-POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

3.1. Konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati

Fit-tnejn ta' din il-proposta leġislattiva, il-Kummissjoni kkonsultat il-partijiet ikkonċernati kollja biex jifhemu l-opinjoni tagħhom u t-triq 'il quddiem potenzjali. Il-Kummissjoni mexxiet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar miżuri biex itejjbu l-effettività li biha jiġi trattat il-kontenut illeġali, u rċeviet 8,961 tweġiba, li minnhom 8,749 kienu minn individwi, 172 minn organizzazzjonijiet, 10 minn amministrazzjonijiet pubbliċi u 30 minn kategoriji oħra ta' dawk li wieġbu. B'mod parallel, sar sħarriġ tal-Ewrobarometru b'kampjun każwali ta' 33,500 resident tal-UE dwar kontenut illeġali onlajn. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting f'Mejju u Ġunju 2018 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġi trattat kontenut terroristiku onlajn.

Fil-maġġoranza tagħhom, ħafna mill-partijiet ikkonċernati esprimew li l-kontenut terroristiku onlajn huwa problema soċjetali serja li taffettwa lill-utenti tal-internet u lill-mudelli ta' negozju tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting. B'mod aktar ġenerali, 65 % minn dawk li wieġbu l-istħarriġ tal-Ewrobarometru⁴ kkunsidraw li l-internet mhuwiex sigur għall-utenti tiegħu u 90 % minn dawk li wieġbu jqisu li huwa importanti li tiġi limitata l-firxa ta' kontenut illeġali onlajn. Konsultazzjonijiet ma' Stati Membri wrew li filwaqt li l-ftehimiet volontarji qed jipproduċu riżultat, jistgħu juru l-bżonn għal obbligi vinkolanti dwar kontenut terroristiku, sentiment li ġie mtenni fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018. Filwaqt li b'mod ġenerali il-fornituri ta' servizzi ta' hosting kienu favur il-kontinwazzjoni ta' miżuri volontarji, huma għad li l-attenzjoni tal-effetti negattivi ta' frammentazzjoni legali emerġenti fl-Unjoni.

Ħafna partijiet ikkonċernati għad li l-attenzjoni wkoll dwar il-bżonn li jiġi żgurat li kwalunkwe miżura regolatorja għat-tneħħija tal-kontenut, b'mod partikolari miżuri proattivi u limiti ta' żmien stretti għandhom jiġu bilanċjati b'salvagwardji għal drittijiet fundamentali, l-aktar il-libertà tal-kelma. Il-partijiet interessati għad li l-attenzjoni għal għadd ta' miżuri neċessarji relatati ma' trasparenza, kontabilità kif ukoll il-bżonn għal rieżami uman fl-iskjerament ta' għodod awtomatizzati.

⁴ Ewrobarometru 469, Kontenut illeġali onlajn, Ġunju 2018.

3.2. Valutazzjoni tal-Impatt

Il-Bord ta' Skrutinju Regulatorju ħareġ opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni ta' impatt b'riżervi u għamel diversi suġġerimenti għal titjib⁵. Wara din l-opinjoni, ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt ġie emendat biex jindirizza l-kummenti ewlenin tal-Bord, u kkonċentra b'mod speċifiku fuq kontenut terroristiku filwaqt li enfasizza l-implikazzjonijiet dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku Diġitali filwaqt li jipprovdi analiżi aktar fir-reqqa tal-impatt ta' drittijiet umani u l-funzjonament tas-salvagwardji proposti fl-għażliet.

Kieku ma tteħdux miżuri addizzjonali, l-azzjonijiet volontarji skont ir-referenza kienu jkunu mistennija jkomplu jkollhom xi impatt fuq it-tnaqqis ta' kontenut terroristiku onlajn. Madankollu, x'aktarx ma jittieħdux miżuri volontarji mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' hosting esposti għal kontenut bħal dan, u hija mistennija frammentazzjoni legali ulterjuri li tintroduċi ostakoli addizzjonali għad-dispożizzjonijiet ta' servizzi transfruntieri. Ġew ikunsidrati tliet għażliet ewlenin ta' politika minbarra x-xenarju bażi b'livelli dejjem jiżdienu ta' effettività fl-indirizzar tal-għanijiet stabbiliti fil-valutazzjoni tal-impatt u l-għan ta' politika ġenerali tat-tnaqqis ta' kontenut terroristiku onlajn.

L-ambitu ta' dawn l-obbligi fit-tliet għażliet li huma ffoka fuq il-fornituri kollha ta' servizzi ta' hosting (kamp ta' applikazzjoni personali) stabbilit fl-UE u f'pajjiżi terzi - safejn joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni (kamp ta' applikazzjoni ġeografiku). Minħabba n-natura tal-problema u l-bżonn li jiġi evitat l-abbuż ta' pjattaformi iżgħar, m'hemm ebda eżenzjoni prevista għall-SMEs taħt kwalunkwe għażla minnhom. L-għażliet kollha jkunu jeħtieġu lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jistabbilixxu rappreżentant legali fl-UE - inkluż għal kumpaniji stabbiliti barra l-UE biex jiżguraw l-infurzabilità tar-regoli tal-UE. Taħt l-għażliet kollha l-Istati Membri kienu previsti li jiżviluppaw mekkaniżmi ta' sanzjoni.

L-għażliet kollha prevvedew il-ħolqien ta' sistema armonizzata ta' ordnijiet ta' tneħħija legali relatati ma' kontenut terroristiku onlajn, maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting u r-rekwiżit li jitneħħa dak il-kontenut fi żmien siegħa. Dawn l-ordnijiet mhux bilfors ikunu jeħtieġu valutazzjoni mill-parti tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting, u jkunu suġġetti għal rimedju ġudizzjarju.

Is-salvagwardji, l-aktar il-proċeduri ta' ilment u rimedji effettivi, inkluż ir-rimedju ġudizzjarji kif ukoll dispożizzjonijiet oħra biex tiġi evitata t-tneħħija bi żball ta' kontenut li mhuxwix kontenut terroristiku, filwaqt li jiżguraw il-konformità mad-drittijiet fundamentali, huma kollha elementi komuti tat-tliet għażliet. Barra minn hekk, l-għażliet kollha jinkludu obbligi ta' rappurtar fil-forma ta' trasparenza pubblika u rappurtar lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, kif ukoll lejn l-awtoritajiet għal suspett ta' reati kriminali. Barra minn hekk, huma previsti obbligi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, fornituri ta' servizzi ta' hosting u fejn ikun rilevanti l-Europol.

Id-differenzi ewlenin bejn it-tliet għażliet huma marbuta mal-ambitu tad-definizzjoni ta' kontenut terroristiku, il-livell ta' armonizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet, l-ambitu ta' miżuri proattivi, obbligi ta' koordinazzjoni fuq Stati Membri, kif ukoll rekwiżiti ta' żamma ta' dejta. L-għażla 1 kieku tillimita l-ambitu materjali għal kontenut imxerred biex iħeġġeġ direttament it-tweġġiq ta' att terroristiku, wara definizzjoni dejqa, filwaqt li l-Għażla 2 u l-Għażla 3 li kieku jadottaw approċċ aktar komprensiv, li jkopri wkoll materjal li jikkonċerna r-reklutaġġ u t-taħriġ. Dwar miżuri proattivi, skont l-għażla 1, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting esposti għal kontenut onlajn ikollhom bżonn iwettqu valutazzjoni tar-riskju iżda l-miżuri proattivi li

⁵ Ħolqa għall-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB) dwar RegDoc.

jindirizzaw ir-risjku jibqgħu volontarji. L-Għażla 2 tkun tirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting iħejju pjan ta' azzjoni li jista' jinkludi l-iskjerament ta' għodod awtomatiċi li jevitaw li materjal li jkun tneħħa, jerġa' jittella'. L-Għażla 3 tinkludi miżuri proattivi aktar komprensivi li jeħtieġu li l-fornituri ta' servizzi esposti għall-kontenut terroristiku jidentifikaw ukoll materjal ġdid. Fl-għażliet kollha, ir-rekwiżiti kollha relatati ma' miżuri proattivi jkunu proporzjonati mal-livell ta' esponiment għal materjal terroristiku kif ukoll il-kapaċitajiet ekonomiċi tal-fornituri ta' servizzi. Fir-rigward tal-konsultazzjonijiet, l-Għażla 1 ma tarmonizzax l-approċċ għal konsultazzjonijiet filwaqt li l-Għażla 2 tagħmel dan għal Europol u l-Għażla 3 tinkludi wkoll konsultazzjonijiet ta' Stati Membri. Skont l-għażliet 2 u 3 l-Istati Membri jkunu obbligati jinfurmaw, jikkoordinaw u jikkooperaw ma' xulxin u fl-Għażla 3 jkollhom ukoll jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom il-kapaċità ta' detezzjoni u notifikazzjoni ta' kontenut terroristiku. Fl-aħħar nett, l-Għażla 3 tinkludi wkoll ir-rekwiżit ta' żamma tad-*data* bħala salvagwardja f'każijiet ta' tneħħija bi żball u biex jiġu faċilitati l-investigazzjonijiet kriminali.

Barra d-dispożizzjonijiet legali, l-għażliet leġiżlattivi kollha kienu previsti li jkunu akkumpanjati minn serje ta' miżuri ta' appoġġ, b'mod partikolari biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Europol, kif ukoll il-kollaborazzjoni mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-appoġġ ta' Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni għall-iżvilupp u l-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi. Wara l-adozzjoni tal-istrument legali, jistgħu wkoll jiġu skjerati strumenti addizzjonali ta' tqajjim ta' kuxjenza u ta' appoġġ għall-SMEs.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li huma meħtieġa serje ta' miżuri biex jinkiseb l-għan ta' politika. Id-definizzjoni komprensiva ta' kontenut terroristiku li tiġbor fiha l-aktar materjal perikoluż tkun aktar adattata għal definizzjoni dejqa ta' kontenut (Għażla 1). Obbligi proattivi limitati biex jiġi evitat li jittella' mill-ġdid kontenut terroristiku (Għażla 2) ikollhom anqas effett meta mqabbla ma' obbligi relatati mad-detezzjoni ta' kontenut terroristiku ġdid (Għażla 3). Dispożizzjonijiet dwar konsultazzjonijiet għandhom jinkludu konsultazzjonijiet kemm mill-Europol kif ukoll mill-Istati Membri (Għażla 3) u m'għandhomx ikunu limitati biss għal konsultazzjonijiet mill-Europol (Għażla 2) minħabba li konsultazzjonijiet minn Stati Membri huma kontribut importanti bħala parti mill-isforz globali dwar it-tnaqqis ta' aċċessibilità għal kontenut terroristiku onlajn. Miżuri bħal dawn jeħtieġ li jiġu implimentati minbarra l-miżuri komuni għall-għażliet kollha, inklużi salvagwardji robusti kontra t-tneħħija bi żball ta' kontenut.

3.3. Drittijiet fundamentali

Il-propaganda onlajn tat-terroristi għandha l-iskop li tħeġġeġ lill-individwi jwettqu attakki terroristiċi, inkluż billi jagħtuhom struzzjonijiet dettaljati dwar kif jagħmlu l-aktar ħsara possibbli. Aktar propaganda tinħareġ normalment wara atroċitajiet bħal dawn, li biha jigglorifikaw dawn l-atti u jħeġġu lil oħrajn biex jieħdu l-eżempju. Dan ir-regolament jikkontribwixxi għall-ħarsien tas-sigurtà pubblika, billi jnaqqas l-aċċessibilità għal kontenut terroristiku li jipromwovi u jħeġġeġ il-ksur tad-drittijiet fundamentali.

Il-proposta tista' potenzjalment taffettwa għadd ta' drittijiet fundamentali:

- (a) drittijiet tal-fornitur ta' kontenut: dritt għall-libertà tal-espressjoni; dritt għall-ħarsien tad-*data* personali; dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u d-dritt ta' rimedju effettiv;
- (b) drittijiet tal-fornitur ta' servizzi: dritt għall-libertà li jitmexxa negozju; dritt għal rimedju effettiv;
- (c) dritt ta' ċittadini kollha: u d-dritt għall-libertà tal-espresjoni għall-informazzjoni.

Meta jitqies l-acquis rilevanti, hemm inklużi salvagwardji xierqa u robusti fir-Regolament propost biex jiżguraw li jiġu mħarsa d-drittijiet ta' dawn il-persuni.

L-ewwel element f'dan il-kontest huwa li r-Regolament stabbilixxa definizzjoni ta' kontenut terroristiku onlajn f'konformità mad-definizzjoni ta' reati terroristiċi fid-Direttiva (UE) 2017/541. Din id-definizzjoni tapplika għal ordnijiet ta' tneħħija u ta' konsultazzjonijiet, kif ukoll għal miżuri proattivi. Din id-definizzjoni tiżgura li jitneħħa biss kontenut illegali li jikkorrispondi ma' definizzjoni tul l-Unjoni kollha ta' reati kriminali relatati. Barra minn hekk, ir-Regolament jinkludi dmirijiet ġenerali ta' kura għal fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jaġixxu b'mod diliġenti, proporzjonat u nondiskriminatorju fir-rigward ta' kontenut li jżommu, b'mod partikolari meta jimplimentaw it-termini u kundizzjonijiet tagħhom stess biex jevitaw it-tneħħija ta' kontenut li ma jkunx kontenut terroristiku.

B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament ġie mfassal biex jiżgura l-proporzjonalità tal-miżuri meħuda fir-rigward tad-drittijiet fundamentali. F'dak li għandu x'jaqsam ma' ordnijiet ta' tneħħija, il-valutazzjoni tal-kontenut (inklużi, fejn meħtieġ, kontrolli legali) minn awtorità kompetenti tiġġustifika il-limitu ta' żmien ta' siegħa għat-tneħħija għal din il-miżura. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament li għandhom x'jaqsmu mal-konsultazzjonijiet huma limitati għal dawk mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti u l-korpi tal-Unjoni li jaġtu spjega ta' għaliex il-kontenut jista' jitqies kontenut terroristiku. Filwaqt li r-responsabilità għat-tneħħija ta' kontenut identifikat f'konsultazzjoni tibqa' tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting, din id-deċiżjoni hija ffaċilitata mill-valutazzjoni msemmija qabel.

Għal miżuri proattivi, ir-responsabilità għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u t-tneħħija ta' kontenut tibqa' tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li huma meħtieġa jpoġġu fis-seħħ salvagwardji li jiżguraw li ma jitneħħiex kontenut bi żball, inkluż permezz ta' rieżami uman, b'mod partikolari jekk tkun meħtieġa kuntestwalizzazzjoni ulterjuri. Barra minn hekk, b'differenza ta' kif jiġri fix-xenarju bażi, fejn l-aktar kumpaniji milquta joħolqu għodod awtomatiċi mingħajr żball uman, it-tfassil tal-miżuri kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom ikunu suġġetti għal rappurtar mill-korpi kompetenti fl-Istati Membri. Dan l-obbligu jnaqqas ir-riskju ta' tneħħija bi żball kemm għall-kumpaniji li jwaqqfu għodod ġodda kif ukoll għal dawk li diġa' qed jużawhom. Barra minn hekk, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting huma meħtieġa jipprovdu mekkaniżmi ta' ilment favur l-utent għal fornituri ta' kontenut biex jikkontestaw id-deċiżjoni li jneħħu l-kontenut tagħhom kif ukoll jipubblikaw rapporti ta' trasparenza għall-pubbliku ġenerali.

Fl-aħħar nett, jekk xi kontenut jew *data* relatata miegħu jitneħħew bi żball minkejja dawn is-salvagwardji, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting huma meħtieġa jżommu dan għal perjodu ta' sitt xhur biex ikunu jistgħu jerġgħu idaħħluh, u jiżguraw l-effettività tal-proċeduri ta' ilment u rieżami bil-ħsieb li jitħarsu l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Fl-istess ħin, din iż-żamma tikkontribwixxi wkoll għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jeħtieġ li jpoġġu fis-seħħ salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali biex jiżguraw li *data* ma tintużax għal skopijiet oħra.

Il-miżuri proposti, b'mod partikolari dawk relatati mal-ordnijiet ta' tneħħija, konsultazzjonijiet, miżuri proattivi u iż-żamma tad-*data* m'għandhomx biss jipproteġu lill-utenti tal-internet kontra kontenut terroristiku iżda għandhom ukoll jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt taċ-ċittadini għall-ħajja billi jnaqqsu l-aċċessibilità għal kontenut terroristiku onlajn.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta leġiżlattiva għal Regolament m'għandhiex impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi fi żmien [sena mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' dan ir-Regolament. Il-programm ta' monitoraġġ jenħtieġ li jstabbilixxi l-indikaturi u l-mezzi li bihom u l-intervalli li fihom tinġabar id-*data* u evidenza oħra neċessarja. Dan il-programm jenħtieġ li tispeċifika l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġbir u l-analiżi tad-*data* u evidenza oħra għall-monitoraġġ tal-progress u jevalwaw dan ir-Regolament.

Fuq il-bażi tal-programm ta' monitoraġġ stabbilix, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament skont ir-rapporti ta' trasparenza ppubblikati mill-kumpaniji kif ukoll l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni mhux aktar kmieni minn erba' snin wara li jkun daħal fis-seħħ ir-Regolament.

Skont ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet, inkluż jekk ikunx għad hemm ċerti lakuni jew vulnerabilitajiet, u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi, il-Kummissjoni se tivvaluta l-ħtieġa li jitwessa' l-ambitu tar-Regolament. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tissottometti proposta biex tadatta dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni se tappoġġja l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-Regolament permezz ta' grupp espert tal-Kummissjoni. Il-grupp se jiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, l-infurzar tal-liġi u l-Europol; It-trawwim ta' skambji u Prattiki għad-detezzjoni u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku onlajn, jipprovdi l-għarfien espert tiegħu dwar l-evoluzzjoni tal-modus operandi onlajn tat-terroristi; Kif ukoll jipprovdi parir u gwida fejn xieraq biex jippermetti għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet.

L-implimentazzjoni tar-Regolament propost tista' tiġi ffaċilitata permezz ta' għadd ta' miżuri ta' appoġġ. Dawn jinkludu l-iżvilupp possibbli ta' pjattaforma mal-Europol biex tassisti fil-koordinazzjoni ta' konsultazzjonijiet u ordnijiet ta' tneħħija. Ir-riċerka ffinanzjata mill-UE dwar kif il-modus operandi tat-terroristi qed jevolvi issaħħaħ il-fehim u l-kuxjenza tal-partijiet ikkonċernati kollha. Barra minn hekk, Orizzont 2020 jappoġġja r-riċerka b' ħarsa lejn l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, inkluża l-prevenzjoni awtomatizzata li jittella' kontenut terroristiku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tanalizza kif se tapoġġja lill-awtoritajiet kompetenti u lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' strumenti finanzjarji tal-UE.

5.2. Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta.

L-Artikolu 1 jistabbilixxi s-suġġett, li jindika li r-Regolament jistabbilixxi regoli li jevitaw l-użu ħażin ta' servizzi ta' hosting għat-tixrid ta' kontenut terroristiku onlajn, inklużi d-dmirijiet ta' kura fuq fornituri ta' servizzi ta' hosting u miżuri li għandhom jitpoġġew fis-seħħ mill-

Istati Membri. Dan jistabbilixxi wkoll l-ambitu ġeografiku li jkopri l-fornituri ta' servizzi ta' hosting li joffru servizzi fl-Unjoni, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tagħhom.

L-Artikolu 2 jipprovdi definizzjonijiet ta' termini użati fil-proposta. Dan jistabbilixxi wkoll definizzjoni ta' kontenut terroristiku għal skojjiet preventivi u huwa mfassal fuq id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu biex jaqbad materjal u informazzjoni li tinçita, tinkoraġġixxi jew tagħmel pressjoni biex tikkummissjona jew tkun ta' kontribut f'reati terroristiçi, tipprovdi ordnijiet għall-kummissjoni dwar reati bħal dawn jew tħeġġeġ il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' grupp terroristiku.

L-Artikolu 3 jipprovdi biex tiġi applikata kura mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting meta jieħdu azzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament u b'mod partikolari bir-rispett dovut għad-drittijiet fundamentali involuti. Dan jipprovdi li jitopgġew fis-seħħ dispożizzjonijiet xierqa fi ħdan it-termini u kundizzjonijiet tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting u li mbagħad jiġi żgurat li dawn jiġu applikati.

L-Artikolu 4 jeħtieġ li l-Istati Membri jagħtu setgħa lill-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu ordnijiet ta' tneħħija u jistabbilixxi rekwiżit għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex ineħħu l-kontenut fi żmien siegħa minn meta jirçievu ordni ta' tneħħija. Dan jistabbilixxi wkoll dak li għandu jkun fihom l-elementi minimi għal ordnijiet ta' tneħħija u l-proċeduri għal forniture ta' servizzi ta' hosting biex jagħtu r-rispons tagħhom lill-awtorità emittenti, u li jinfurmawha jekk ma jkunx possibbli li jikkonformaw mal-ordni jew jekk ikun hemm bżonn kjarifika ulterjuri. Dan jeħtieġ ukoll li l-awtorità emittenti tinforma lill-awtorità li tħares il-miżuri operattivi tal-Istat Membru tal-ġurisdiżjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi rekwiżit għal forniture ta' servizzi ta' hosting li jpoġġu fis-seħħ miżuri biex jivvalutaw malajr kontenut mogħti refereza permezz ta' konsultazzjoni jew minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jew korp tal-Unjoni, mingħajr madanakollu jimponi rekwiżit li jitneħħa l-kontenut mogħti referenza u lanqas ma jistabbilixxi limiti ta' żmien specifiçi biex tittieħed azzjoni. Dan jistabbilixxi wkoll l-elementi minimi li għandu jkollhom il-konsultazzjonijiet u l-proċeduri għal forniture ta' servizzi ta' hosting biex jagħtu r-rispons tagħhom lill-awtorità emittenti, u li jitolbu kjarifika lill-awtorità li tkun irreferiet il-kontenut.

L-Artikolu 6 jirrikjedi lill-forniture tas-servizzi ta' hosting li jieħdu miżuri proattivi effettivi u proporzjonati fejn hu xieraq. Jistabbilixxi proċedura li tiżgura li ċerti forniture tas-servizzi ta' hosting (jiġifieri dawk li jkunu rçevew ordni ta' tneħħija li tkun saret finali) jieħdu miżuri proattivi addizzjonali fejn meħtieġ biex itaffu r-riskji u skont l-esponiment ta' kontenut terroristiku fuq is-servizzi tagħhom. Il-fornitur tas-servizzi ta' hosting għandu jikkoopera mal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-miżuri meħtieġa mitluba, u, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, l-awtorità tista' timponi miżuri fuq il-fornitur tas-servizz. Dan l-Artikolu jistabbilixxi wkoll proċedura ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità.

L-Artikolu 7 jirrikjedi lill-forniture tas-servizzi ta' hosting jippreservaw il-kontenut imneħħi u d-data relatata għal sitt xhur għal proċedimenti ta' rieżami u għal finijiet investigattivi. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż sabiex jippermetti l-finalizzazzjoni tar-rieżami. L-Artikolu jirrikjedi wkoll li l-forniture tas-servizzi jdaħħlu fis-seħħ salvagwardji biex jiżguraw li l-kontenut jippreservat u d-data relatata ma jiġux aċċessati jew ipproċessati għal skopijiet oħra.

L-Artikolu 8 jistipula obbligu għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jispjegaw il-politiki tagħhom kontra l-kontenut terroristiku u biex jipubblikaw rapporti annwali ta' trasparenza dwar l-azzjonijiet meħuda f'dan ir-rigward.

L-Artikolu 9 jipprevedi salvagwardji speċifiċi rigward l-użu u l-implimentazzjoni ta' miżuri proattivi meta jintużaw għodod awtomatizzati biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ikunu preċiżi u fondati.

L-Artikolu 10 jirrikjedi lill-fornituri tas-servizzi ta' hosting jimplementaw mekkaniżmi tal-ilmenti għat-tneħħija, riferimenti u miżuri proattivi u biex jeżaminaw fil-pront kull ilment.

L-Artikolu 11 jistabbilixxi obbligu biex il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jpoġġu għad-dispożizzjoni informazzjoni dwar it-tneħħija tal-fornitur tal-kontenut, sakemm l-awtorità kompetenti ma tirrikjedix li ma tiġix żvelata għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika.

L-Artikolu 12 jirrikjedi lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom kapaċità u riżorsi suffiċjenti sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 13 jirrikjedi lill-Istati Membri jikkooperaw ma' xulxin u fejn xieraq mal-Europol biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u l-interferenza fl-investigazzjonijiet. L-Artikolu jipprevedi wkoll il-possibbiltà li l-Istati Membri u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jużaw għodod apposta, inkluż dawk tal-Europol, għall-ipproċessar u l-feedback ta' ordnijiet ta' tneħħija u riferimenti u li jikkooperaw dwar miżuri proattivi. Jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jkollhom il-mezzi ta' komunikazzjoni xierqa fis-seħħ biex jiżguraw l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tad-dispożizzjonijiet skont dan ir-Regolament. L-Artikolu jobbliga wkoll lill-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jinfurmaw lill-awtoritajiet rilevanti meta jkunu jafu b'xi evidenza ta' reati terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/541 dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu .

L-Artikolu 14 jipprevedi l-istabiliment ta' punti ta' kuntatt kemm mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting kif ukoll mill-Istati Membri biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejniethom, b'mod partikolari fir-rigward ta' riferimenti u ordnijiet ta' tneħħija.

L-Artikolu 15 jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri għall-finijiet ta' sorveljanza tal-miżuri proattivi, l-iffissar ta' penali u l-isforzi ta' monitoraġġ.

L-Artikolu 16 jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting ma jkollhomx stabbiliment fi kwalunkwe Stat Membru iżda li joffru servizzi fi ħdan l-Unjoni, jaħtru rappreżentant legali fl-Unjoni.

L-Artikolu 17 jirrikjedi li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' tneħħija, b'referenza għal kontenut terroristiku, għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' miżuri proattivi u għall-infurzar tar-Regolament.

L-Artikolu 18 jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għan-nuqqas ta' konformità u jipprovdu kriterji li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' penali. Minħabba l-importanza partikolari tat-tneħħija b'ħeffa tal-kontenut terroristiku identifikat f'ordni ta' tneħħija, għandhom jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar il-penali finanzjarji għall-ksur sistematiku ta' dan ir-rekwiżit.

L-Artikolu 19 jistabbilixxi proċedura aktar mgħaġġla u aktar flessibbli għall-emenda tal-mudelli pprovduti għall-ordnijiet ta' tneħħija u l-mezzi ta' sottomissjoni awtentikati permezz tal-atti delegati.

L-Artikolu 20 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tipprevedi l-emendi meħtieġa għall-mudelli u r-rekwiżiti tekniċi għall-ordnijiet ta' tneħħija.

L-Artikolu 21 jirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru u jirrappurtaw informazzjoni speċifika relatata mal-applikazzjoni tar-Regolament bil-għan li jassistu lill-Kummissjoni fit-tweqqif tad-dmirijiet tagħha skont l-Artikolu 23. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 22 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-Artikolu 23 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar kmieni minn tliet snin wara d-dħul tiegħu fis-seħħ.

L-Artikolu 24 jistabbilixxi li r-Regolament propost se jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali u mbagħad japplika 6 xhur wara li jidħol fis-seħħ. L-iskadenza hija proposta meta wieħed iqis il-ħtieġa ta' miżuri ta' implimentazzjoni filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-urġenza għall-applikazzjoni sħiħa tar-regoli tar-Regolament propost. Din l-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' 6 xhur ġiet stabbilita bil-preżunzjoni li n-negożjati jitwettqu b'mod rapidu.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online

Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f' *Salzburg fid-19-20 ta' Settembru 2018*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku diġitali f'soċjetà miftuħa u demokratika, billi jipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi ta' hosting għal skopijiet terroristiċi. Il-funzjonament tas-suq uniku diġitali għandu jittejjeb billi tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting, it-tisħiħ tal-fiduċja tal-utenti fl-ambjent online, u billi jissaħħu s-salvagwardji għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni.
- (2) Il-fornituri tas-servizzi ta' hosting attivi fuq l-internet għandhom rwol essenzjali fl-ekonomija diġitali billi jgħolqu konnessjoni bejn in-negozju u ċ-ċittadini billi jiffaċilitaw id-dibattitu pubbliku u d-distribuzzjoni u l-wasla tal-informazzjoni, l-opinjoni u l-ideat, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-innovazzjoni, it- tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni. Madankollu, is-servizzi tagħhom f'ċerti każijiet huma abbużati minn partijiet terzi biex iwettqu attivitajiet illegali online. Problema partikolari hi l-użu ħażin tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting minn gruppi terroristiċi u s-sostenituri tagħhom biex ixerrdu kontenut terroristiku online sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom, jirradikalizzaw u jirreklutaw u biex jiffaċilitaw u jidderieġu l-attività terroristika.
- (3) Il-preżenza ta' kontenut terroristiku online għandha konsegwenzi negattivi serji għall-utenti, għaċ-ċittadini u għas-soċjetà inġenerali, kif ukoll għall-fornituri tas-servizzi online li jospitaw tali kontenut, peress li ddgħajjef il-fiduċja tal-utenti tagħhom u

⁶ ĠU C , , p .

tagħmel ħsara lill-mudelli tan-negozju tagħhom. Fid-dawl tar-rwol ċentrali tagħhom u l-mezzi u l-kapaċitajiet teknoloġiċi assoċjati mas-servizzi li jipprovdu, il-fornituri tas-servizzi onlajn għandhom responsabbiltajiet soċjetali partikolari biex jipproteġu s-servizzi tagħhom minn użu ħażin mit-terroristi u jgħinu biex jiġi indirizzat il-kontenut terroristiku mxerred permezz tas-servizzi tagħhom.

- (4) L-isforzi fil-livell tal-Unjoni biex jiġi miġġieled il-kontenut terroristiku online li bdew fl-2015 permezz ta' qafas ta' kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jeħtieġ li jkunu ikkumplimentati minn qafas leġiżlattiv ċar sabiex ikomplu jnaqqsu l-aċċessibbiltà għal kontenut terroristiku online u jindirizzaw b'mod adegwat problema li tevolvi b'mod rapidu. Dan il-qafas leġiżlattiv għandu l-għan li jibni fuq l-isforzi volontarji, li ġew imsaħħa mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334⁷ u jwieġeb għas-sejthiet li saru mill-Parlament Ewropew biex jissaħħu l-miżuri biex jindirizzaw il-kontenut illegali u ta' ħsara u mill-Kunsill Ewropew biex itejbu l-individwazzjoni awtomatika u t-tneħħija ta' kontenut li jinċita atti terroristiċi.
- (5) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31/KE⁸. B'mod partikolari, kwalunkwe miżura meħuda mill-fornitur ta' servizz ta' hosting f'konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe miżura proattiva, m'għandhomx fihom infushon iwasslu biex dak il-fornitur ta' servizzi jitlef il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'dik id-dispożizzjoni. Dan ir-Regolament ma jaffettwax is-setgħat tal-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali li jistabbilixxu r-responsabbiltà ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting f'każijiet speċifiċi fejn il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31/KE għal eżenzjoni mir-responsabbiltà ma jiġux issodisfati.
- (6) Ir-regoli biex jiġi evitat l-użu ħażin tas-servizzi tal-hosting għat-tixrid ta' kontenut terroristiku online sabiex ikun garantit il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern huma stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali protetti fl-ordni legali tal-Unjoni u b'mod partikolari dawk garantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika filwaqt li jistabbilixxi salvagwardji xierqa u robusti biex jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali involuti. Dan jinkludi d-drittijiet tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà li wieħed jirċievi u jagħti informazzjoni, il-libertà li jitwettaq negozju, u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jadottaw biss miżuri li huma meħtieġa, xierqa u proporzjonati f'soċjetà demokratika, b'kunsiderazzjoni tal-importanza partikolari mogħtija lill-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, li tikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà pluralista, demokratika, u hija waħda mill-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. Il-miżuri li jikkostitwixxu interferenza fil-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni għandhom ikunu strettament immirati, fis-sens li jridu jservu biex jipprevjenu t-tixrid ta' kontenut terroristiku, iżda mingħajr ma jiġi affettwat id-dritt li wieħed jirċievi u jgħaddi informazzjoni legalment,

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/334 tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online (ĠU L 63, 6.3.2018, p. 50).

⁸ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

filwaqt li jitqies ir-rwol ċentrali tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting biex jiffaċilitaw id-dibattitu pubbliku u d-distribuzzjoni u l-wasla ta' fatti, opinjonijiet u ideat skont il-liġi.

- (8) Id-dritt għal rimedju effettiv huwa minqux fl-Artikolu 19 tat-TUE u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Kull persuna fiżika jew ġuridika għandha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti kontra kwalunkwe waħda mill-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament, li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' dik il-persuna. Id-dritt jinkludi, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri tal-kontenut li jikkontestaw b'mod effettiv l-ordnijiet ta' tneħħija quddiem il-qorti tal-Istat Membru li l-awtoritajiet tiegħu jkunu ħarġu l-ordni ta' tneħħija.
- (9) Sabiex tiġi pprovduta ċarezza dwar l-azzjonijiet li għandhom jieħdu kemm il-fornituri tas-servizzi ta' hosting kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti biex jiġi evitat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online, dan ir-Regolament għandu jstabbilixxi definizzjoni ta' kontenut terroristiku għal skopijiet preventivi abbażi tad-definizzjoni ta' reati terroristiċi skont id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Minħabba l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-propaganda terroristika l-aktar dannuża online, id-definizzjoni għandha taqbad materjal u informazzjoni li jinstigaw, jinkoraġġixxu jew jippromwovu t-twettiq jew il-kontribuzzjoni tar-reati terroristiċi, tippromwovu struzzjonijiet għat-twettiq ta' dawn ir-reati jew tippromwovi l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' grupp terroristiku. Din l-informazzjoni tinkludi b'mod partikolari, testi miktuba, stampi, reġistrazzjonijiet awdjo u vidjows. Meta jiġi vvalutat jekk il-kontenut jikkostitwixxi kontenut terroristiku skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jieħdu kont ta' fatturi bħan-natura u l-kliem tad-dikjarazzjonijiet, il-kuntest li fih saru d-dikjarazzjonijiet u l-potenzjal tagħhom li jwasslu għal konsegwenzi ta' ħsara, u b'hekk jiġu affettwati s-sigurtà u s-sikurezza tal-persuni. Il-fatt li l-materjal kien prodott, huwa attribwibbli jew imxerred f'isem organizzazzjoni jew persuna terroristika elenkata mill-UE, jikkostitwixxi fattur importanti fil-valutazzjoni. Il-kontenut imxerred għal finijiet edukattivi, ġurnalistiċi jew ta' riċerka għandu jkun protett b'mod adegwat. Barra minn hekk, l-espressjoni ta' fehmiet radikali, polemiċi jew kontroversjali fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet politiċi sensittivi m'għandhiex titqies bħala kontenut terroristiku.
- (10) Sabiex ikunu koperti dawk is-servizzi ta' hosting online fejn jiġi mxerred il-kontenut terroristiku, dan ir-Regolament għandu japplika għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jaħżnu l-informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz fuq talba tiegħu jew tagħha u meta jagħmlu l-informazzjoni maħżuna disponibbli għal partijiet terzi, irrispettivament minn jekk din l-attività tkunx ta' natura sempliċiment teknika, awtomatika u passiva. Pereżempju, tali forniture tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jinkludu pjattaformi ta' midja soċjali, servizzi ta' streaming ta' filmati, vidjow, immaġni u servizzi ta' kondivizzjoni tal-awdjo, kondivizzjoni ta' fajls u servizzi oħra ta' cloud sal-punt li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli lil partijiet terzi u siti web fejn l-utenti jistgħu jagħmlu kummenti jew rieżamijiet. Ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-fornituri ta' servizzi ta' hosting stabbiliti barra l-Unjoni iżda li joffru servizzi fi ħdan l-Unjoni, peress li proporzjon sinifikanti ta' forniture ta' servizzi ta' hosting esposti għal kontenut terroristiku fuq is-servizzi tagħhom huma stabbiliti

⁹ Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċizzjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

f'pajjiżi terzi. Dan għandu jiżgura li l-kumpaniji kollha li joperaw fis-Suq Uniku Diġitali jikkonformaw mal-istess rekwiżiti, irrispettivament mill-pajjiż ta' stabbiliment tagħhom. L-istabbiliment ta' jekk fornitur tas-servizzi joffrix servizzi fl-Unjoni jirrikjedi valutazzjoni dwar jekk il-fornitur tas-servizzi jippermettix persuni ġuridiċi jew fiżiċi fi Stat Membru wieħed jew aktar jużaw is-servizzi tiegħu. Madankollu, is-sempliċi aċċessibbiltà tas-sit web tal-fornitur ta' servizz jew ta' indirizz elettroniku u ta' dettalji oħra ta' kuntatt fi Stat Membru wieħed jew aktar meħuda b'mod iżolat m'għandhiex tkun kundizzjoni suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

- (11) Għandha tkun rilevanti konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni sabiex jiġi determinat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni jintieg li titqies li teżisti fejn il-fornitur tas-servizz ikollu stabbiliment fl-Unjoni jew, fin-nuqqas tiegħu, fuq il-bażi tal-eżistenza ta' numru sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew l-immirar ta' attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar jista' jiġi ddeterminat abbażi taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi fatturi bħall-użu ta' lingwa jew ta' munita li ġeneralment jintużaw f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru jista' jirriżulta wkoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni fil-ħanut tal-applikazzjonijiet nazzjonali rilevanti, mill-ġhoti ta' riklamar lokali jew riklamar fil-lingwa użata f'dak l-Istat Membru, jew mill-ġestjoni tar-relazzjonijiet tal-klijenti pereżempju bl-ġhoti ta' servizz tal-konsumaturi f'lingwa li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ ukoll li tiġi preżunta konnessjoni sostanzjali fejn fornitur ta' servizz jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fl-Artikolu 17(1)(c) tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰. Min-naħa l-oħra, il-forniment tas-servizz minħabba s-sempliċi konformità mal-projbizzjoni li ssir diskriminazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ ma jistax, fuq dik il-bażi biss, jitqies bħala li jidderieġi jew jimmira attivitajiet lejn territorju partikolari ġewwa l-Unjoni .
- (12) Il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom japplikaw ċerti dmirijiet ta' kura, sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' kontenut terroristiku fuq is-servizzi tagħhom. Dawn id-dmirijiet ta' kura m'għandhomx jammontaw għal obbligu ta' monitoraġġ ġenerali. Jenħtieġ li d-dmirijiet ta' diliġenza jinkludu li, meta jiġi applikat dan ir-Regolament, il-fornituri tas-servizzi ta' hosting jaġixxu b'mod diliġenti, proporzjonat u nondiskriminatorju fir-rigward tal-kontenut li jaħżnu, b'mod partikolari meta jimplimentaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom stess, bil-għan li tiġi evitata t-tneħħija ta' kontenut li mhuwiex terroristiku. It-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għandha ssir fl-osservanza tal-libertà ta' l-espressjoni u tal-informazzjoni.
- (13) Għandhom jiġu armonizzati l-proċedura u l-obbligi li jirriżultaw minn ordnijiet legali li jitolbu li l-fornituri tas-servizzi ta' hosting jneħħu kontenut terroristiku jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih, wara valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa fir-rigward tal-għażla tal-awtoritajiet kompetenti li

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 601, 2.3.2018, p. 1).

tippermettilhom jaħtru awtoritajiet amministrattivi, tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji ma' dik il-ħidma. Minħabba l-veloċità li biha jiġi mxerred il-kontenut terroristiku bejn is-servizzi online, din id-dispożizzjoni timponi obbligi fuq dawk li jipprovdu servizz ta' hosting biex jiżguraw li l-kontenut terroristiku identifikat fl-ordni ta' tneħħija, jitneħħa jew li l-aċċess għalih ikun diżattivat fi żmien siegħa minn meta tiġi riċevuta l-ordni ta' tneħħija. Hu f'idejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting jiddeċiedu dwar jekk għandhomx ineħħu l-kontenut inkwistjoni jew jiddiżattivaw l-aċċess għall-kontenut għall-utenti fl-Unjoni.

- (14) L-awtorità kompetenti għandha tittrażmetti l-ordni ta' tneħħija direttament lid-destinatarju u l-punt ta' kuntatt permezz ta' kwalunkwe mezz elettroniku li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub taħt kundizzjonijiet li jippermettu lill-fornitur ta' servizz jistabbilixxi l-awtentiċità, inkluża l-preċiżjoni tad-data u l-ħin ta' meta tintbagħat l-ordni, bħal permezz ta' posta elettronika sikura u pjattaformi jew kanali garantiti oħra, inklużi dawk magħmula disponibbli mill-fornitur tas-servizz, f'konformità mar-regoli li jipproteġu d-data personali. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat b'mod partikolari bl-użu ta' servizzi elettroniċi kwalifikati ta' konsenja rreġistrati kif previst fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².
- (15) Ir-riferimenti mill-awtoritajiet kompetenti jew l-Europol jikkostitwixxu mezz effettiv u rapidu biex il-fornituri ta' servizzi ta' akkoljenza jsiru konxji ta' kontenut speċifiku dwar is-servizzi tagħhom. Dan il-mekkaniżmu li jibgħat twissija lill-fornituri tas-servizzi ta' hosting b'informazzjoni li tista' titqies bħala kontenut terroristiku, għall-konsiderazzjoni volontarja tal-fornitur dwar il-kompatibbiltà tat-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu stess, għandu jibqa' disponibbli flimkien mal-ordnijiet ta' tneħħija. Huwa importanti li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jivvalutaw tali riferimenti bħala kwistjoni ta' prijorità u jipprovdu rispons rapidu dwar l-azzjoni meħuda. Id-deċiżjoni finali dwar jekk għandux jitneħħa l-kontenut jew le minħabba li mhux kompatibbli mat-termini u l-kundizzjonijiet tibqa' f'idejn il-fornitur tas-servizz ta' hosting. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament relatat mar-riferimenti, il-mandat tal-Europol kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 2016/794¹³ jibqa' mhux affettwat.
- (16) Meta wieħed iqis l-iskala u l-ħeffa meħtieġa biex jiġi identifikat b'mod effettiv u jitneħħa l-kontenut terroristiku, miżuri proattivi proporzjonati, inkluż bl-użu ta' mezzi awtomatizzati f'ċerti każijiet, huma element essenzjali fl-indirizzar tal-kontenut terroristiku fuq l-internet. Bil-ħsieb li titnaqqas l-aċċessibbiltà tal-kontenut terroristiku fuq is-servizzi tagħhom, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' hosting jivvalutaw jekk huwix xieraq li jittieħdu miżuri proattivi skont ir-riskji u l-livell ta' esponiment għal kontenut terroristiku kif ukoll dwar l-effetti fuq id-drittijiet ta' partijiet terzi u l-interess pubbliku tal-informazzjoni. Konsegwentement, il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jiddeterminaw liema miżura proattiva xierqa, effettiva u proporzjonata għandha tiġi stabbilita. Dan ir-rekwiżit m'għandux jimplika obbligu ġenerali ta' monitoraġġ. Fil-kuntest ta' din il-valutazzjoni, in-nuqqas ta' ordnijiet għat-

¹² Ir-Regolament (UE) 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/JHA, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53)

tneħħija u r-riferimenti indirizzati lill-fornitur ta' hosting, huwa indikazzjoni ta' livell baxx ta' esponiment għal kontenut terroristiku.

- (17) Meta jimplimentaw miżuri proattivi, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jiżguraw li d-dritt tal-utenti għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni - inkluż li wieħed jirċievi u jaqşam liberament l-informazzjoni - jiġi ppreservat. Minbarra kwalunkwe rekwiżit stipulat fil-liġi, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jimplimentaw salvagwardji, inkluż b'mod partikolari s-sorveljanza u l-verifiki tal-bniedem, fejn xieraq, biex tiġi evitata kwalunkwe deċiżjoni mhux intenzjonata u żbaljata li twassal għat-tneħħija ta' kontenut li mhuwiex kontenut terroristiku. Dan huwa ta' rilevanza partikolari meta l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jużaw mezzi awtomatizzati għad-detezzjoni tal-kontenut terroristiku. Kwalunkwe deċiżjoni biex jintużaw mezzi awtomatizzati, kemm jekk meħuda mill-fornitur tas-servizz ta' hosting kif ukoll skont talba mill-awtorità kompetenti, għandha tiġi vvalutata fir-rigward tal-affidabbiltà tat-teknoloġija sottostanti u l-impatt li jirriżulta fuq id-drittijiet fundamentali.
- (18) Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting esposti għal kontenut terroristiku jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-użu ħażin tas-servizzi tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting li jkunu rċevew ordni ta' tneħħija, li tkun saret finali, biex jirrapportaw dwar il-miżuri proattivi meħuda. Dawn jistgħu jikkonsistu f'miżuri li jipprevjenu l-applowd mill-ġdid tal-kontenut terroristiku, it-tneħħija jew id-diżattivar tal-aċċess għalih bħala riżultat ta' ordni ta' tneħħija jew ta' riferimenti li jkunu rċevew, il-verifika fuq għodda miżmuma pubblikament jew privatament li jkun fiha kontenut terroristiku magħruf. Huma jistgħu iħaddmu wkoll l-użu ta' għodod tekniċi affidabbli biex jidentifikaw kontenut terroristiku ġdid, jew billi jużaw dawk disponibbli fis-suq jew dawk żviluppatti mill-fornitur ta' servizzi ta' hosting. Il-fornitur tas-servizz għandu jirrapporta dwar il-miżuri proattivi speċifiċi fis-seħħ sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiġġudika jekk il-miżuri humiex effettivi u proporzjonati u jekk, kieku jintużaw il-mezzi awtomatizzati, il-fornitur tas-servizz ta' hosting ikollux il-kapaċitajiet meħtieġa għas-sorveljanza u l-verifika umani. Fil-valutazzjoni tal-effettività u l-proporzjonalità tal-miżuri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-parametri rilevanti inkluż l-għadd tal-ordnijiet ta' tneħħija u r-riferimenti maħruġa lill-fornitur, il-kapaċità ekonomika tagħhom u l-impatt tas-servizz tiegħu fit-tixrid tal-kontenut terroristiku (pereżempju, filwaqt li jitqies l-għadd ta' utenti fl-Unjoni).
- (19) Wara t-talba, l-awtorità kompetenti għandha tidħol fi djalogu mal-fornitur tas-servizzi ta' hosting dwar il-miżuri proattivi neċessarji li għandhom jiġu stabbiliti. Jekk ikun meħtieġ, l-awtorità kompetenti għandha timponi l-adozzjoni ta' miżuri proattivi xierqa, effettivi u proporzjonati fejn tqis li l-miżuri meħuda ma kinux biżżejjed biex jissodisfaw ir-riskji. Deċiżjoni li timponi tali miżuri proattivi speċifiċi m'għandhiex, fil-prinċipju, twassal għall-impożizzjoni ta' obbligu ġenerali ta' monitoraġġ, kif previst fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31/KE. Meta wieħed iqis ir-riskji partikolarment gravi assoċjati mat-tixrid tal-kontenut terroristiku, id-deċiżjonijiet adottati mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament jistgħu jidderogaw mill-approċċ stabbilit fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31/KE, fir-rigward ta' ċerti miżuri speċifiċi u mmirati, li l-adozzjoni tagħhom hija meħtieġa għal raġunijiet prevalenti ta' sigurtà pubblika. Qabel ma tadotta deċiżjonijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti għandha ssib bilanċ ġust bejn l-għanijiet ta' interess pubbliku u d-

drittijiet fundamentali involuti, b'mod partikolari, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u l-libertà li twettaq negozju, u tipprovdi ġustifikazzjoni xierqa.

- (20) L-obbligu tal-fornituri tas-servizzi ta' hosting li jippreżervaw il-kontenut imneħħi u d-data relatata, jenħtieġ li jkun stabbilit għal skopijiet speċifiċi u limitati fiż-żmien għal dak li hu meħtieġ. Hemm bżonn li r-rekwiżit ta' preservazzjoni jiġi estiż għad-data relatata sal-punt li kwalunkwe data bħal din tintilef b'mod ieħor bħala konsegwenza tat-tneħħija tal-kontenut inkwistjoni. Id-data relatata tista' tinkludi data bħal "*data* dwar l-abbonati", inkluż b'mod partikolari data li tappartjeni għall-identità tal-fornitur tal-kontenut kif ukoll "*data* ta' aċċess", inkluż pereżempju data dwar id-data u l-ħin tal-użu mill-fornitur tal-kontenut, jew log-in u log-off mis-servizz, flimkien ma' indirizz IP allokati mill-fornitur tas-servizz ta' aċċess għall-Internet lill-fornitur tal-kontenut.
- (21) L-obbligu li jiġi ppreservat il-kontenut tal-proċedimenti ta' rieżami amministrattivi jew ġudizzjarju huwa meħtieġ u ġustifikat bil-ħsieb li jiġu żgurati l-miżuri effettivi ta' rimedju għall-fornitur tal-kontenut li l-kontenut tiegħu tneħħa jew li kien ġie diżattivat l-aċċess għalih kif ukoll biex tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' dak il-kontenut kif kien qabel it-tneħħija tiegħu skont ir-riżultat tal-proċedura ta' rieżami. L-obbligu li jiġi ppreservat il-kontenut għall-finijiet ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni huwa ġustifikat u meħtieġ fid-dawl tal-valur li dan il-materjal jista' jgħib għall-għan ta' tfixkil jew prevenzjoni tal-attività terroristika. Meta l-kumpaniji jneħħu l-materjal jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih, b'mod partikolari permezz tal-miżuri proattivi tagħhom stess, u ma jinfurmawx lill-awtorità rilevanti għaliex jivvalutaw li dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(4) ta' dan ir-Regolament, l-infurzar tal-liġi jista' ma jkunx konxju tal-eżistenza tal-kontenut. Għalhekk, il-preservazzjoni tal-kontenut għal skopijiet ta' prevenzjoni, individwazzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi hija ġġustifikata wkoll. Għal dawn il-finijiet, il-preservazzjoni tad-data mitluba hija limitata għal data li x'aktarx ikollha rabta ma' reati terroristiċi, u għalhekk tista' tikkontribwixxi għall-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew għall-prevenzjoni ta' riskji serji għas-sigurtà pubblika.
- (22) Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità, il-perjodu ta' preservazzjoni għandu jkun limitat għal sitt xhur biex il-fornituri tal-kontenut ikollhom biżżejjed żmien biex jibdew il-proċess ta' rieżami u biex jippermettu l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għad-data rilevanti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi. Madankollu, dan il-perjodu jista' jiġi estiż għall-perjodu li huwa meħtieġ f'każ li l-proċedimenti ta' rieżami jinbdew iżda ma jiġux iffinalizzati fi żmien sitt xhur wara talba mill-awtorità li twettaq ir-reviżjoni. Dan it-tul ta' żmien għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jippreservaw l-evidenza meħtieġa fir-rigward tal-investigazzjonijiet, filwaqt li jiżguraw il-bilanċ mad-drittijiet fundamentali kkonċernati.
- (23) Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-garanziji proċedurali u l-miżuri ta' investigazzjoni proċedurali relatati mal-aċċess għal kontenut u d-data relatata ppreservati għall-finijiet tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi, kif irregolati skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, u skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (24) It-trasparenza tal-politiki tal-fornituri ta' servizzi ta' akkoljenza fir-rigward ta' kontenut terroristiku hija essenzjali biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà tagħhom lejn l-utenti tagħhom u biex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fis-Suq Uniku Diġitali. Il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jippubblikaw rapporti annwali ta'

trasparenza li jkun fihom informazzjoni sinifikanti dwar l-azzjoni meħuda fir-rigward tal-individwazzjoni, l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku.

- (25) Il-proċeduri għall-ilmenti jikkostitwixxu salvagwardja neċessarja kontra t-tneħħija żbaljata ta' kontenut protett skont il-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni. Għaldaqstant, il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi tal-ilmenti li jkunu faċli għall-utent u jiżguraw li l-ilmenti jiġu ttrattati malajr u bi trasparenza sħiħa għall-fornitur tal-kontenut. Ir-rekwiżit għall-fornitur ta' servizzi ta' hosting li jerġa' jdaħħal il-kontenut fejn ikun tneħħa bi żball, ma jaffettwax il-possibbiltà li l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jinfurzaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom stess għal raġunijiet oħra.
- (26) Il-protezzjoni legali effettiva skont l-Artikolu 19 tat-TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tirrikjedi li l-persuni jkunu jistgħu jaċċertaw ir-raġunijiet li fuqhom il-kontenut imtella' minnhom tneħħa jew l-aċċess għalih ġie diżattivat. Għal dak il-għan, il-fornitur ta' servizzi ta' hosting jenħtieġ li jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-fornitur tal-kontenut informazzjoni sinifikanti li tippermetti lill-fornitur tal-kontenut li jikkontesta d-deċiżjoni. Madankollu, dan mhux neċessarjament jirrikjedi notifika lill-fornitur tal-kontenut. Skont iċ-ċirkostanzi, il-fornituri ta' servizz ta' hosting jistgħu jissostitwixxu kontenut meqjus bħala kontenut terroristiku, b'messaġġ li tneħħa jew ġie diżattivat skont dan ir-Regolament. Għandha tingħata, fuq talba, aktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet kif ukoll il-possibilitajiet għall-fornitur tal-kontenut biex jikkontesta d-deċiżjoni. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika inkluż fil-kuntest ta' investigazzjoni, jitqies li ma jkunx xieraq li jiġi nnotifikat direttament il-fornitur tal-kontenut bit-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-kontenut, huma għandhom jinfurmaw lill-fornitur tas-servizz ta' hosting.
- (27) Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-interferenzi potenzjali fl-investigazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw, jikkoordinaw u jikkooperaw ma' xulxin u fejn xieraq mal-Europol meta joħorġu ordnijiet ta' tneħħija jew jibagħtu riferimenti lil fornituri ta' servizzi ta' hosting. Fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Europol jista' jipprovdi appoġġ skont il-mandat attwali tiegħu u l-qafas legali eżistenti.
- (28) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u koerenti biżżejjed tal-miżuri proattivi, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ma' xulxin fir-rigward tad-diskussjonijiet li għandhom mal-fornituri tas-servizzi ta' hosting dwar l-identifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' miżuri proattivi speċifiċi. Bl-istess mod, kooperazzjoni bħal din hija meħtieġa wkoll b'rabta mal-adozzjoni ta' regoli dwar il-penali, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' penali.
- (29) Huwa essenzjali li l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru responsabbli għall-impożizzjoni ta' penali tkun infurmata b'mod sħiħ dwar il-ħruġ ta' ordnijiet ta' tneħħija u ta' riferimenti u skambji sussegwenti bejn il-fornitur tas-servizzi ta' hosting u l-awtorità kompetenti rilevanti. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw mezzi ta' komunikazzjoni u mekkaniżmi xierqa li jippermettu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti fi żmien xieraq.
- (30) Sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji rapidi bejn l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mal-fornituri tas-servizzi ta' hosting, u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-għodod żviluppati mill-Europol, bħall-applikazzjoni attwali tal-Ġestjoni tar-Riferiment tal-Internet (IRMa) jew l-għodod li jiġu minflokha.

- (31) Minħabba l-konsegwenzi serji partikolari ta' ċertu kontenut terroristiku, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet fl-Istat Membru kkonċernat jew lill-awtoritajiet kompetenti fejn ikunu stabbiliti jew fejn ikollhom rappreżentant legali, dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe evidenza ta' reati terroristiċi li jsiru jafu bihom. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, dan l-obbligu huwa limitat għal reati terroristiċi kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2017/541/UE. L-obbligu ta' informazzjoni ma jimplikax l-obbligu fuq il-hosting ta' fornituri ta' servizzi li jfittxu b'mod attiv xi evidenza ta' dan it-tip. L-Istat Membru kkonċernat huwa l-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati terroristiċi skont id-Direttiva (UE) 2017/541 abbażi tan-nazzjonalità tat-trasgressur jew tal-vittma potenzjali tar-reat jew il-post fil-mira tal-att terroristiku. F'każ ta' dubju, il-fornituri ta' servizz ta' hosting jistgħu jitttrażmettu l-informazzjoni lill-Europol li għandha ssegwi skont il-mandat tagħha, inkluż li tgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.
- (32) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw informazzjoni bħal din biex jieħdu miżuri investigattivi disponibbli skont il-liġi tal-Istati Membri jew tal-Unjoni skont ir-Regolament dwar l-Ordnijiet Ewropej dwar il-Produzzjoni u l-Preservazzjoni ta' evidenza elettronika f'materi kriminali¹⁴.
- (33) Iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punti ta' kuntatt biex jiffaċilitaw it-trattament rapidu ta' ordnijiet ta' tneħħija u ta' riferimenti. B'kuntrast mar-rappreżentant legali, il-punt ta' kuntatt iservi għal skopijiet operattivi. Il-punt ta' kuntatt tal-fornitur tas-servizzi ta' hosting għandu jikkonsisti minn kwalunkwe mezz iddedikat li jippermetti s-sottomissjoni elettronika ta' ordnijiet ta' tneħħija u ta' riferiment u ta' mezzi tekniċi u personali li jippermettu l-ipproċessar rapidu tagħhom. Il-punt ta' kuntatt għall-fornitur tas-servizzi ta' hosting ma għandux għalfejn ikun jinstab fl-Unjoni u l-fornitur tas-servizz ta' hosting huwa liberu biex jinnomina punt ta' kuntatt eżistenti, dment li dan il-punt ta' kuntatt ikun jista' jissodisfa l-funzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament. Bil-ħsieb li jiġi żgurat li jitneħħa l-kontenut terroristiku jew li l-aċċess għalih ikun diżattivat fi żmien siegħa minn meta tasal l-ordni ta' tneħħija, il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jiżguraw li l-punt ta' kuntatt ikun aċċessibbli 24/7. L-informazzjoni fuq il-punt ta' kuntatt għandha tinkludi informazzjoni dwar il-lingwa li biha jista' jiġi indirizzat il-punt ta' kuntatt. Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi ta' hosting u l-awtoritajiet kompetenti, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting huma mħeġġa jippermettu l-komunikazzjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni li fiha huma disponibbli t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom.
- (34) Fin-nuqqas ta' rekwiżit ġenerali għall-fornituri tas-servizzi li jiżguraw preżenza fiżika fit-territorju tal-Unjoni, hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċarezza taħt liema ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jaqa' l-fornitur tas-servizzi ta' hosting li joffri s-servizzi fi ħdan l-Unjoni. Bħala regola ġenerali, il-fornitur tas-servizzi ta' hosting jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru li fih ikollu l-istabbiliment prinċipali tiegħu jew fejn ikun ħatar rappreżentant legali. Madankollu, meta Stat Membru ieħor joħroġ ordni ta' tneħħija, l-awtoritajiet tiegħu jenħtieġ li jkunu jistgħu jinfurzaw l-ordnijiet tagħhom billi jieħdu miżuri koerċittivi ta' natura mhux punittiva, bħal pagamenti ta' penali. Fir-rigward ta' fornitur tas-servizzi ta' hosting li ma għandu ebda stabbiliment fl-Unjoni u

¹⁴ COM(2018) 225 final.

ma jaħtarx rappreżentant legali, kwalunkwe Stat Membru jenħtieġ li, madankollu, ikun jista' joħroġ penali, dment li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jiġi rrispettat.

- (35) Dawk il-fornituri tas-servizzi ta' hosting li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni għandhom jaħtru bil-miktub rappreżentant legali sabiex jiżguraw il-konformità u l-infurzar tal-obbligi skont dan ir-Regolament.
- (36) Ir-rappreżentant legali għandu jkun legalment awtorizzat li jaġixxi f'isem il-fornitur ta' servizzi ta' hosting.
- (37) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti. Ir-rekwiżit li jaħtru awtoritajiet kompetenti ma jeħtiegħx neċessarjament l-istabbiliment ta' awtoritajiet ġodda iżda jistgħu jkunu korpi eżistenti inkarigati bil-funzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jirrikjedi li jinħatru awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' tneħħija, riferimenti u għas-superviżjoni ta' miżuri proattivi u għall-impożizzjoni ta' penali. Huwa f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu kemm-il awtorità jixtiequ jaħtru għal dawn il-kompiti.
- (38) Il-penali huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva minn fornituri ta' servizzi ta' hosting tal-obbligi skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jadottaw regoli dwar penali, inkluż, fejn xieraq, il-linji gwida tal-multi. Penali partikolarment serji għandhom jiġu aċċertati fil-każ li l-fornitur ta' servizzi ta' hosting jonqos sistematikament milli jneħħi kontenut terroristiku jew jiddiżattiva l-aċċess għalih fi żmien siegħa mill-wasla ta' ordni ta' tneħħija. In-nuqqas ta' konformità f'każijiet individwali jista' jiġi ssanzjonat filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji ta' *ne bis in idem* tal-proporzjonalità u l-iżgurar li dawn is-sanzjonijiet iqisu l-falliment sistematiku. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-regolament għandu jistabbilixxi sa liema punt l-obbligi rilevanti jistgħu jkunu suġġett għal penali. Penali għal nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 6 għandhom jiġu adottati biss fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw minn talba għal rapport skont l-Artikolu 6(2) jew deċiżjoni li timponi miżuri proattivi addizzjonali skont l-Artikolu 6(4). Meta jkun qed jiġi determinat jekk għandhomx ikunu imposti penali finanzjarji, għandhom jitqiesu r-riżorsi finanzjarji tal-fornitur. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali ma jħeġġux it-tneħħija ta' kontenut li mhuwiex kontenut terroristiku.
- (39) L-użu ta' mudelli standardizzati jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi, li jippermettilhom jikkomunikaw b'mod aktar rapidu u effettiv. Huwa partikolarment importanti li tiġi żgurata azzjoni rapida wara l-irċevuta ta' ordni ta' tneħħija. Il-mudelli jnaqqsu l-kostijiet tat-traduzzjoni u jikkontribwixxu għal standard għoli ta' kwalità. Bl-istess mod formuli ta' twegġibiet għandhom jippermettu skambju standardizzati ta' informazzjoni, u dan se jkun partikolarment importanti fejn il-fornituri ma jkunux jistgħu jikkonformaw. Mezzi ta' sottomissjoni awtentikati jistgħu jiggarrantixxu l-awtenticietà tal-ordni ta' tkeċċija, inkluż l-eżattezza tad-data u l-ħin tat-trasmissjoni u l-wasla tal-ordni.
- (40) Sabiex tkun possibbli emenda rapida, fejn meħtieġ, tal-kontenut tal-mudelli li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda l-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament. Sabiex ikunu jistgħu jqisu l-iżvilupp tat-teknoloġija u tal-qafas legali relatati, il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament b'rekwiżiti tekniċi għal mezzi elettroniċi li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti għat-trażmissjoni ta' ordnijiet ta'

tkeċċija. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁵. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

- (41) L-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu stabbiliti sabiex jittqiesu f'evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni.
- (42) Abbażi tas-sejbiet u tal-konklużjonijiet fir-rapport ta' implimentazzjoni u l-eżitu tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux qabel tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Hija ser tivvaluta l-funzjonament ta' miżuri operazzjonali u tekniċi differenti previsti fir-Regolament, inkluża l-effettività ta' miżuri biex tittejjeb id-detezzjoni, l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku, l-effettività ta' mekkaniżmi ta' salvagwardja kif ukoll l-impatti potenzjalment affettwati dwar id-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi, inkluż rieżami għar-rekwiżit li jinforma lill-fornituri tal-kontenut.
- (43) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku diġitali billi jiġi evitat it-tixrid ta' kontenut terroristiku onlajn, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-limitazzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-suġġett u l-ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi għall-prevenzjoni tal-użu anormali ta' servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku onlajn. Huwa jistabbilixxi b'mod partikolari:
- (a) regoli dwar l-obbligi ta' diliġenza li għandhom jiġu applikati minn fornituri ta' servizzi ta' hosting bil-għan li jipprevjenu d-disseminazzjoni ta' kontenut

¹⁵ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

terroristiku permezz tas-servizzi tagħhom u jiżguraw, fejn meħtieġ, it-tneħħija rapida tiegħu;

- (b) sett ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri biex jidentifikaw kontenut terroristiku, biex jippermettu t-tneħħija rapida tiegħu minn fornituri ta' servizzi ta' hosting u biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra, ma' fornituri ta' servizzi ta' hosting u fejn xieraq, ma' korpi rilevanti tal-Unjoni.

- 2. Dan jistabbilixxi wkoll l-ambitu ġeografiku li jkopri l-fornituri ta' servizzi ta' hosting li joffru servizzi fl-Unjoni, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tagħhom.

Artikolu 2 *Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “fornitur ta' servizzi ta' hosting” tfisser furnitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn u fuq it-talba tal-fornitur tal-kontenut u meta jagħmel l-informazzjoni maħżuna disponibbli għal partijiet terzi;
- (2) “fornitur ta' kontenut” tfisser utent li ma pprova informazzjoni li hija, jew li kienet, maħżuna fuq talba tal-utent minn furnitur ta' servizzi ta' hosting;
- (3) “joffri servizzi fl-Unjoni” tfisser: il-possibbiltà li persuni ġuridiċi jew fiżiċi fi Stat Membru wieħed jew aktar jużaw is-servizzi tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting li jkollu rabta sostanzjali ma' dak l-Istat Membru jew l-Istati Membri, bħal
 - (a) l-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' hosting fl-Unjoni;
 - (b) għadd sinifikanti ta' utenti fi Stat Membru wieħed jew aktar;
 - (c) l-immirar ta' attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar.
- (4) “reati terroristiċi” tfisser ir-reati kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2017/541;
- (5) “kontenut terroristiku” tfisser waħda jew aktar mill-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-inċitament jew il-promozzjoni, inkluż permezz tal-glorifikazzjoni, l-ikkummissjonar ta' reati terroristiċi li b'hekk jikkawżaw il-periklu li dawn l-atti jitwettqu;
 - (b) l-inkoraġġiment tal-kontribut għal reati terroristiċi;
 - (c) il-promozzjoni tal-attivitajiet ta' grupp terroristiku, b'mod partikolari bl-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni fi grupp terroristiku jew l-appoġġ għalihom fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva (UE) 2017/541;
 - (d) l-għoti ta' struzzjonijiet fuq metodi jew tekniki għall-fini li jitwettqu reati terroristiċi.
- (6) “disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku” tfisser li l-kontenut terroristiku jkun disponibbli għal partijiet terzi fuq is-servizzi ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting;
- (7) “termini u kundizzjonijiet” tfisser it-termini, il-kundizzjonijiet u l-klawsoli kollha, irrispettivament mill-isem jew mill-forma tagħhom, li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-fornitur ta' servizzi ta' hosting u l-utenti tagħhom;

- (8) “riferiment” tfisser avviż minn awtorità kompetenti jew, fejn applikabbli, korp tal-Unjoni rilevanti lil fornitur ta’ servizzi ta’ hosting dwar informazzjoni li tista’ titqies bħala kontenut terroristiku, għall-konsiderazzjoni volontarja tal-fornitur tal-kompatibbiltà mat-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu stess għall-prevenzjoni tat-tixrid ta’ kontenut terroristiku;
- (9) ‘stabbiliment ewlieni’ tfisser l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat li fih jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv huwa eżerċitati.

TAQSIMA II

Miżuri għall-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta’ kontenut terroristiku onlajn

Artikolu 3 Drittijiet ta’ kura

1. Fornituri ta’ servizz ta’ hosting għandhom jieħdu azzjonijiet xierqa, raġonevoli u proporzjonati skont dan ir-Regolament, kontra t-tixrid ta’ kontenut terroristiku u biex jipproteġu l-utenti minn kontenut terroristiku. Meta jagħmlu dan, huma għandhom jaġixxu b’mod diliġenti, proporzjonat u mhux diskriminatorju, u b’kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet fundamentali tal-utenti u jqisu l-importanza fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni f’soċjetà miftuħa u demokratika.
2. Il-fornituri tas-servizzi ta’ hosting għandhom jinkludu fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, u japplikaw, dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni tat-tixrid ta’ kontenut terroristiku.

Artikolu 4 Ordnijiet ta’ tneħħija

1. L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li toħroġ deċiżjoni li titlob lill-fornitur ta’ servizzi ta’ hosting ineħħi kontenut terroristiku jew jiddiżattiva l-aċċess għalih.
2. Il-fornituri tas-servizzi ta’ hosting għandhom ineħħu kontenut terroristiku jew jiddiżattivaw l-aċċess tiegħu fi żmien siegħa minn meta tiġi riċevuta l-ordni ta’ tneħħija.
3. L-ordnijiet ta’ tneħħija għandu jkun fihom l-elementi li ġejjin skont il-mudell stabbilit fl-Anness I:
 - (a) identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti li toħroġ ordni ta’ tneħħija u l-awtentikazzjoni tal-ordni ta’ tneħħija mill-awtorità kompetenti;
 - (b) dikjarazzjoni tar-raġunijiet li jispjegaw għaliex il-kontenut jitqies kontenut terroristiku, tal-anqas, b’referenza għall-kategoriji ta’ kontenut terroristiku elenkat fl-Artikolu 2(5);
 - (c) Lokalizzatur Uniformi tar-Riżorsi (URL) u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kontenut imsemmi;
 - (d) referenza għal dan ir-Regolament bħala l-bażi ġuridika għall-ordni ta’ tneħħija;
 - (e) id-data u l-ħin tat-timbru tal-ħruġ;
 - (f) informazzjoni dwar ir-rimedju disponibbli għall-fornitur ta’ servizzi ta’ akkoljenza u għall-fornitur tal-kontenut;

- (g) fejn rilevanti, id-deċiżjoni biex ma tiġix żvelata informazzjoni dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih imsemmija fl-Artikolu 11.
4. Fuq talba mill-fornitur ta' servizzi ta' hosting jew mill-fornitur tal-kontenut, l-awtorità kompetenti għandha ttiprovdi dikjarazzjoni dettaljata tar-raġunijiet, mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-fornitur ta' servizzi ta' hosting jikkonforma mal-ordni ta' tneħħija sal-iskadenza stipulata fil-paragrafu 2.
 5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw l-ordnijiet ta' tneħħija lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizzi ta' hosting jew lir-rappreżentant legali maħtur mill-fornitur tas-servizzi ta' hosting skont l-Artikolu 16 u jibagħtuhom lill-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 14(1). Dawn l-ordnijiet għandhom jintbagħtu b'mezzi elettroniċi li kapaċi jipproduċi rekord bil-miktub taħt il-kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi stabbilita l-awtentikazzjoni tal-mittent, inkluż eżattezza tad-data u l-ħin tat-trażmissjoni u l-wasla tal-ordni.
 6. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jikkonfermaw li jkunu rċevew u, mingħajr dewmien bla bżonn, jinformaw lill-awtorità kompetenti dwar it-tneħħija ta' kontenut terroristiku jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, billi jindikaw, b'mod partikolari, il-ħin tal-azzjoni, billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness II.
 7. Jekk il-fornitur ta' servizzi ta' hosting ma jkunx jista' jikkonforma mal-ordni ta' tneħħija minħabba *force majeure* jew impossibbiltà *de facto* mhux attribwibbli lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting, huwa għandu jinforma, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtorità kompetenti, u jispjega r-raġunijiet, billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness III. L-iskadenza stipulata fil-paragrafu 2 għandha tapplika hekk kif ir-raġunijiet invokati ma jkunux għadhom preżenti.
 8. Jekk il-fornitur ta' servizzi ta' hosting ma jistax jikkonforma mal-ordni ta' tneħħija minħabba li l-ordni ta' tneħħija fiha żbalji evidenti jew ma fihiex biżżejjed informazzjoni biex tiġi eżegwita l-ordni, huwa għandu jinforma lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien bla bżonn, fejn jitlob il-kjarifika meħtieġa, billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness III. L-iskadenza stipulata fil-paragrafu 2 għandha tapplika hekk kif tiġi pprovduta l-kjarifika.
 9. L-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tissorvelja l-implimentazzjoni ta' miżuri proattivi msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) meta l-ordni ta' tneħħija ssir finali. Ordni ta' tneħħija ssir finali fejn hija ma ġietx appellata fi żmien l-iskadenza skont il-liġi nazzjonali applikabbli jew fejn tkun ġiet ikkonfermata wara appell.

Artikolu 5 *Riferimenti*

1. L-awtorità kompetenti jew il-korp rilevanti tal-Unjoni jistgħu jibagħtu referenza lil furnitur ta' servizzi ta' hosting.
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jistabbilixxu miżuri operattivi u tekniċi li jiffaċilitaw il-valutazzjoni rapida tal-kontenut li jkun intbagħat mill-awtoritajiet kompetenti u, fejn applikabbli, korpi rilevanti tal-Unjoni għall-kunsiderazzjoni volontarja tagħhom.
3. Ir-riferiment għandu jiġi indirizzat lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizz ta' hosting jew lir-rappreżentant legali maħtur mill-fornitur tas-servizz skont l-

Artikolu 16 u jiġi trażmess lill-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 14(1). Tali riferimenti għandhom jintbagħtu b'mezzi elettroniċi.

4. Ir-riferiment għandu jkun fih informazzjoni dettaljata biżżejjed, inklużi r-raġunijiet għaliex il-kontenut jitqies kontenut terroristiku, URL u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kontenut terroristiku msemmi.
5. Il-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu, bħala kwistjoni ta' prijorità, jivvaluta l-kontenut identifikat fir-referenza kontra t-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu stess u jiddeċiedi jekk ineħħix dak il-kontenut jew jiddiżattivax l-aċċess għalih.
6. Il-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti jew il-korp rilevanti tal-Unjoni dwar l-eżitu tal-valutazzjoni u l-għażla taż-żmien għal kwalunkwe azzjoni meħuda bħala riżultat tar-riferiment.
7. Meta l-fornitur ta' servizzi ta' hosting iqis li r-riferiment ma jkunx fih biżżejjed informazzjoni biex jiġi vvalutat il-kontenut imsemmi, huwa għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-korp tal-Unjoni rilevanti, billi jistabbilixxi liema informazzjoni jew kjarifika ulterjuri hija meħtieġa.

Artikolu 6

Miżuri proattivi

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting fejn xieraq għandhom jieħdu miżuri proattivi biex jipproteġu s-servizzi tagħhom kontra t-tixrid ta' kontenut terroristiku. Il-miżuri għandhom ikunu effettivi u proporzjonati, filwaqt li jqisu r-riskju u l-livell ta' espożizzjoni għal kontenut terroristiku, id-drittijiet fundamentali tal-utenti, u l-importanza fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni f'soċjetà miftuħa u demokratika.
2. Meta tkun ġiet infurmata skont l-Artikolu 4(9), l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) għandha titlob lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting biex jissottometti rapport, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi t-talba u minn hemm 'il quddiem mill-inqas fuq bażi annwali, dwar il-miżuri proattivi speċifiċi li ħa, inkluż bl-użu ta' għodod awtomatizzati, bil-ħsieb li:
 - (a) il-prevenzjoni ta' re-upload tal-kontenut li qabel kien tneħħa jew li għalih l-aċċess ġie diżattivat għax huwa meqjus bħala kontenut terroristiku;
 - (b) id-detezzjoni, l-identifikazzjoni u b'ħeffa jneħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal kontenut terroristiku.

Tali talba għandha tintbagħat lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizzi ta' hosting jew lir-rappreżentant legali maħtur mill-fornitur tas-servizz.

Ir-rapporti għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) biex tivvaluta jekk il-miżuri proattivi humiex effettivi u proporzjonati, inkluż biex jiġi evalwat il-funzjonament ta' kwalunkwe għodda awtomatizzata użata kif ukoll il-mekkaniżmi ta' sorveljanza u verifika umani użati.

3. Fejn l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) tikkunsidra li l-miżuri proattivi meħuda u rrapportati skont il-paragrafu 2 mhumiex biżżejjed biex itaffu u jimmaniġġjaw ir-riskju u l-livell ta' espożizzjoni, hija tista' titlob lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting biex jieħu miżuri proattivi speċifiċi addizzjonali. Għal dak il-għan, lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jikkoopera mal-awtorità kompetenti

msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) bil-ħsieb li jiġu identifikati l-miżuri speċifiċi li l-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jstabbilixxi, billi jstabbilixxi l-oġġettivi ewlenin u punti ta' referenza kif ukoll l-iskedi taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Fejn l-ebda ftehim ma jkun jista' jintlaħaq fi żmien it-tliet xhur mit-talba skont il-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) tista' toħroġ deċiżjoni li timponi miżuri proattivi speċifiċi meħtieġa u proporzjonati. Id-Deċiżjoni għandha tqis, b'mod partikolari, il-kapaċità ekonomika tal-fornitur tas-servizz ta' hosting u l-effett ta' tali miżuri fuq id-drittijiet fundamentali tal-utenti u l-importanza fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Tali deċiżjoni għandha tintbagħat lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizz ta' hosting jew lir-rappreżentant legali maħtur mill-fornitur tas-servizz. Il-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jirrapporta regolarment dwar l-implimentazzjoni ta' tali miżuri kif speċifikat mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c).
5. Fornitur ta' servizzi ta' hosting jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob rieżami lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) u, fejn xieraq, jirrevoka talba jew deċiżjoni skont il-paragrafi 2, 3, u 4 rispettivament. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi deċiżjoni motivata f'perjodu ta' żmien raġonevoli wara li tirċievi t-talba mill-fornitur ta' servizzi ta' hosting.

Artikolu 7

Preservazzjoni tal-kontenut u data relatata

1. Fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jippreservaw kontenut terroristiku li tneħħa jew ġie diżattivat bħala riżultat ta' ordni ta' tneħħija, riferiment jew bħala riżultat ta' miżuri proattivi skont l-Artikoli 4, 5 u 6 u d-*data* relatata mneħħija bħala konsegwenza tat-tneħħija tal-kontenut terroristiku u li hija meħtieġa għal:
 - (a) proċedimenti ta' sħarriġ amministrattiv jew ġudizzjarju,
 - (b) il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi.
2. Il-kontenut terroristiku u *data* relatata msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu għal sitt xhur. Kontenut terroristiku għandu, fuq talba mill-awtorità kompetenti jew qorti, jiġi ppreservat għal perjodu itwal meta u sakemm ikun meħtieġ għal proċedimenti li jkunu għaddejnin ta' sħarriġ amministrattiv jew ġudizzjarju msemmija fil-paragrafu 1 (a).
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jiżguraw li l-kontenut terroristiku u d-*data* relatata miżmuma skont il-paragrafi 1 u 2 jkunu suġġetti għal salvagwardji tekniċi u organizzattivi xierqa.

Dawk is-salvagwardji tekniċi u organizzattivi għandhom jiżguraw li l-kontenut terroristiku priżervat u d-*data* relatata jiġu biss aċċessati u proċessati għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, u jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tad-*data* personali kkonċernata. Fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jirrevedu u jaġġornaw dawk is-salvagwardji fejn meħtieġ.

TAQSIMA III SALVAGWARDJI U RESPONSABILITÀ

Artikolu 8
Obbligi ta' trasparenza

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jistabbilixxu, fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, il-politika tagħhom biex jipprevjenu t-tixrid ta' kontenut terroristiku, inkluż, fejn xieraq, spjegazzjoni sinifikanti tal-funzjonament ta' miżuri proattivi inkluż l-użu ta' għodod awtomatizzati.
2. Il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom jippubblikaw rapporti ta' trasparenza annwali dwar l-azzjoni meħuda kontra t-tixrid ta' kontenut terroristiku.
3. Rapporti ta' trasparenza għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) informazzjoni dwar il-miżuri tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting fir-rigward id-detezzjoni, l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' kontenut terroristiku;
 - (b) informazzjoni dwar il-miżuri tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting biex jipprevjenu l-upload mill-ġdid ta' kontenut li jkun tneħħa jew li għalih l-aċċess ġie diżattivat minħabba li huwa meqjus li huwa kontenut terroristiku;
 - (c) numru ta' biċċiet ta' kontenut terroristiku mneħħi jew li għalihom l-aċċess ġie diżattivat, wara l-ordnijiet ta' tneħħija, riferimenti jew miżuri proattivi, rispettivament;
 - (d) ħarsa ġenerali u l-eżitu tal-proċeduri ta' lment.

Artikolu 9
Salvagwardji rigward l-użu u l-implimentazzjoni ta' miżuri proattivi

1. Fejn il-fornituri ta' servizz ta' hosting jużaw għodod awtomatizzati skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' kontenut li jaħżnu, huma għandhom jipprovdu salvagwardji effettivi u xierqa biex jiżguraw li deċizzjonijiet meħuda dwar dak il-kontenut, b'mod partikolari deċizzjonijiet biex il-kontenut jitneħħa jew jiġi diżattivat meta jitqies li huwa kontenut terroristiku, huma preċiżi u fondati.
2. Is-salvagwardji għandhom jikkonsistu, b'mod partikolari, minn sorveljanza umana u verifiki fejn xieraq u, fi kwalunkwe każ, fejn valutazzjoni dettaljata tal-kuntest rilevanti tkun meħtieġa sabiex jiġi determinat jekk il-kontenut għandux jiġi kkunsidrat bħala kontenut terroristiku jew le.

Artikolu 10
Mekkaniżmi tal-ilmenti

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u aċċessibbli li jippermettu fornituri tal-kontenut li l-kontenut tagħhom ikun tneħħa jew li jkun diżattivat l-aċċess għalih b'riżultat ta' riferiment skont l-Artikolu 5 jew ta' miżuri proattivi skont l-Artikolu 6, biex jissottomettu lment kontra l-azzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting li jitlob li jerġa' jiddaħħal il-kontenut.
2. Il-fornituri tas-servizzi ta' hosting għandhom minnufih jeżaminaw kull ilment li jirċievu u jerġgħu jintroduċu l-kontenut mingħajr dewmien żejjed meta t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess ma tkunx ġustifikata. Huma għandhom jinformaw lill-ilmentatur dwar l-eżitu tal-eżami.

Artikolu 11
Informazzjoni lill-fornituri tal-kontenut

1. Fejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting neħħew il-kontenut terroristiku jew iddiżattivaw l-aċċess għalih, għandhom jagħmlu disponibbli lill-fornitur tal-kontenut informazzjoni dwar it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal kontenut terroristiku.
2. Fuq talba tal-fornitur tal-kontenut, il-fornitur tas-servizz ta' hosting għandu jinforma lill-fornitur tal-kontenut dwar ir-raġunijiet għat-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess u l-possibbiltajiet biex tkun ikkontestata d-deċiżjoni.
3. L-obbligu skont il-paragrafi 1 u 2 m'għandux japplika meta l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li m'għandu jkun hemm l-ebda żvelar għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, bħall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, id-detezzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi, sakemm ikun meħtieġ, iżda ta' mhux aktar minn [erba'] ġimgħat minn dik id-deċiżjoni. F'każ bħal dan, lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting m'għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni dwar it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni ta' aċċess għal kontenut terroristiku.

TAQSIMA IV
Kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Kompetenti, il-Korpi tal-Unjoni u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting

Artikolu 12
Kapaċitajiet ta' awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikollhom il-kapaċità meħtieġa u riżorsi suffiċjenti biex jiksbu l-għanijiet u jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 13
Kooperazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting, l-awtoritajiet kompetenti u, fejn xieraq, korpi rilevanti tal-Unjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jinfurmaw, jikkoordinaw u jikkooperaw ma' xulxin u, fejn xieraq, ma' korpi rilevanti tal-Unjoni bħall-Europol fir-rigward ta' ordnijiet u referenzi ta' tneħħija biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, itejbu l-koordinazzjoni u jevitaw l-interferenza ma' investigazzjonijiet fi Stati Membri differenti.
2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jinfurmaw, jikkoordinaw u jikkooperaw mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) u (d) fir-rigward tal-miżuri meħuda skont l-Artikolu 6 u l-azzjonijiet ta' infurzar skont l-Artikolu 18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(c) u (d) hija fil-pussess tal-informazzjoni kollha rilevanti. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu mezzi jew mekkaniżmi ta' komunikazzjoni xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti tiġi kondiviża f'waqtha.
3. L-Istati Membri u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting jistgħu jagħżlu li jużaw għodod apposta, inkluż, fejn xieraq, dawk stabbiliti minn korpi rilevanti tal-Unjoni bħall-Europol, biex b'mod partikolari jiffaċilitaw:

- (a) l-ipproċessar u *feedback* dwar ordnijiet ta' tneħħija skont l-Artikolu 4;
 - (b) l-ipproċessar u *feedback* dwar iir-riferimenti skont l-Artikolu 5;
 - (c) il-kooperazzjoni bil-ħsieb li jidentifikaw u jimplimentaw miżuri proattivi skont l-Artikolu 6.
4. Fejn il-fornituri ta' servizzi ta' hosting isiru konxji dwar kwalunkwe evidenza ta' reati terroristiċi, huma għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni f'reati kriminali fl-Istat Membru kkonċernat jew il-punt ta' kuntatt fl-Istat Membru skont l-Artikolu 14(2), fejn huma jkollhom l-istabbiliment ewlieni tagħhom jew rappreżentant legali. Fornituri ta' servizzi ta' hosting jista', f'każ ta' dubju, jittrażmett din l-informazzjoni lill-Europol għal segwitu xieraq.

Artikolu 14
Punti ta' kuntatt

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt li jippermetti li jiġu riċevuti ordnijiet ta' tneħħija u riferimenti b'mezzi elettroniċi u jiġi żgurati l-ipproċessar rapidu tagħhom skont l-Artikoli 4 u 5. Huma għandhom jiżguraw li din l-informazzjoni tkun pubblikament disponibbli.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Unjoni, kif imsemmi fir-Regolament 1/58, li fiha jista' jiġi indirizzat il-punt ta' kuntatt u li fiha għandhom isiru aktar skambji fir-rigward ta' ordnijiet ta' tneħħija u ta' riferimenti skont l-Artikoli 4 u 5. Din għandha tinkludi mill-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih fornitur ta' servizzi ta' hosting ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu jew fejn ir-rappreżentant legali tiegħu skont l-Artikolu 16 huwa residenti jew stabbilit.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt biex jittratta talbiet għal kjarifika u *feedback* f'dak li jirrigwarda l-ordinijiet ta' tneħħija u riferimenti maħruġa minnhom. Informazzjoni dwar il-punt ta' kuntatt għandha ssir disponibbli pubblikament.

TAQSIMA V
IMPLIMENTAZZJONI U INFURZAR

Artikolu 15
Ġurisdizzjoni

1. L-Istat Membru li fih ikun jinsab l-istabbiliment ewlieni tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jkollu l-ġurisdizzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 6, 18, u 21. Fornitur ta' servizzi ta' hosting li ma jkollux l-istabbiliment prinċipali tiegħu f'wieħed mill-Istati Membri għandu jitqies li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru fejn ir-rappreżentant legali msemmi fl-Artikolu 16 huwa residenti jew stabbilit.
2. Fejn fornitur ta' servizzi ta' hosting jonqos milli jaħtar rappreżentant legali, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom ġurisdizzjoni.
3. Meta awtorità ta' Stat Membru ieħor tkun haġget ordni ta' tneħħija skont l-Artikolu 4(1), dak l-Istat Membru għandu l-ġurisdizzjoni li jieħu miżuri koerċittivi skont il-liġi nazzjonali tiegħu sabiex jinforza l-ordni ta' tneħħija.

Artikolu 16
Rappreżentant ġudizzjarju

1. Fornitur ta' servizzi ta' hosting li ma għandux stabbiliment fl-Unjoni iżda li joffri servizzi fl-Unjoni, għandu jaħtar, bil-miktub, persuna ġuridika jew fiżika bħala r-rappreżentant legali tiegħu fl-Unjoni biex jirċievi, ikun konformi ma' jinforza ordnijiet ta' tneħħija, riferimenti, talbiet u deċiżjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant legali għandu jkun jirresjedi jew ikun stabbilit f'wieħed mill-Istati Membri fejn il-fornitur tas-servizz ta' hosting jipprovdi s-servizzi.
2. Il-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jafda lir-rappreżentant legali bl-irċevuta, il-konformità u l-infurzar tal-ordnijiet ta' tneħħija, riferimenti, talbiet u deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'isem il-fornitur ta' servizzi ta' hosting ikkonċernat. Fornituri ta' servizzi ta' hosting għandhom jipprovdu lir-rappreżentant legali tagħhom is-setgħat meħtieġa u riżorsi biex jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti u jikkonformaw ma' dawn id-deċiżjonijiet u ordnijiet.
3. Ir-rappreżentant legali maħtur jista' jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi taħt dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u l-azzjonijiet legali li jistgħu jinbdew kontra l-fornitur tas-servizz ta' hosting.
4. Il-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 17(1)(d) fl-Istat Membru fejn jirrisjedi r-rappreżentant legali jew fejn huwa stabbilit dwar il-ħatra. Informazzjoni dwar ir-rappreżentant ġudizzjarju għandha ssir disponibbli pubblikament.

TAQSIMA VI
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17
Ħatra ta' awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti biex
 - (a) joħorġu ordnijiet ta' tneħħija skont l-Artikolu 4;
 - (b) isibu, jidentifikaw u jirreferu kontenut terroristiku lil fornituri ta' servizzi ta' hosting skont l-Artikolu 5;
 - (c) jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' miżuri proattivi skont l-Artikolu 6;
 - (d) jinfurzw l-obbligi skont dan ir-Regolament permezz ta' pieni skont l-Artikolu 18.
2. Sa mhux aktar tard minn *[sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika n-notifika u kull modifika tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 18
Penalitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur tal-provedimenti nazzjonali addottati skont dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-

miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Tali penali għandhom ikunu limitati għal ksur tal-obbligi skont:

- (a) L-Artikolu 3(2) (termini u kundizzjonijiet ta' fornituri ta' servizzi ta' hosting);
 - (b) L-Artikolu 4(2) u (6) (implimentazzjoni ta' u *feedback* dwar ordnijiet ta' tneħħija);
 - (c) L-Artikolu 5(5) u (6) (valutazzjoni u *feedback* dwar ir-riferimenti);
 - (d) L-Artikolu 6(2) u (4) (rapporti dwar miżuri proattivi u l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi wara deċiżjoni li timponi miżuri proattivi);
 - (e) Artikolu 7 (preservazzjoni tad-*data*);
 - (f) Artikolu 8 (trasparenza);
 - (g) Artikolu 9 (salvagwardji fir-rigward ta' miżuri proattivi);
 - (h) Artikolu 10 (proċeduri ta' lment);
 - (i) Artikolu 11 (informazzjoni dwar fornituri ta' kontenut);
 - (j) Artikolu 13 (4) (informazzjoni dwar evidenza ta' offiżi terroristiċi);
 - (k) Artikolu 14 (1) (punti ta' kuntatt);
 - (l) Artikolu 16 (ħatra ta' rappreżentant ġudizzjarju).
2. Il-penali stipulati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, [*mhux iktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' penali, l-awtoritajiet kompetenti jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inklużi:
- (a) in-natura, is-serjetà u d-dewmien tal-ksur;
 - (b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;
 - (c) ksur preċedenti mill-persuna ġuridika miżmuma responsabbli;
 - (d) is-solidità finanzjarja tal-persuna ġuridika responsabbli;
 - (e) il-livell ta' kooperazzjoni lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting mal-awtoritajiet kompetenti.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li nuqqas sistematiku ta' konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 4(2) ikun soġġett għal penali finanzjarji sa 4 % tal-fatturat globali tal-fornitur ta' servizzi ta' hosting tal-aħħar sena tan-negozju.

Artikolu 19

Rekwiżiti tekniċi u emendi għall-formoli għal ordnijiet ta' tneħħija

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament b'rekwiżiti tekniċi għall-mezzi elettroniċi li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti għat-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' tneħħija.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta tali atti delegati biex jiġu emendati l-Annessi I, II u III sabiex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-ħtieġa possibbli

għal titjib fir-rigward tal-kontenut ta' formoli tal-ordni ta' tneħħija u formoli li għandhom jintużaw biex jipprovdu informazzjoni dwar l-impossibbiltà li tiġi eżegwita l-ordni ta' tneħħija.

Artikolu 20 *Eżerċizzju ta' delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 19 għandhom ikunu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-[*data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament*].
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 19 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din m'għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti magħżula minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21 *Monitoraġġ*

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' hosting taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u jibgħatu lill-Kummissjoni kull sena sal-[31 ta' Marzu] informazzjoni dwar l-azzjonijiet li jkunu hađu skont dan ir-Regolament. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi:
 - (a) informazzjoni dwar l-għadd ta' ordnijiet ta' tneħħija u l-konsultazzjonijiet maħruġa, in-numru ta' biċċiet ta' kontenut terroristiku li jkun tneħħa jew li għalih ikun diżattivat l-aċċess, inklużi perjodi ta' żmien korrispondenti skont l-Artikoli 4 u 5;
 - (b) informazzjoni dwar il-miżuri proattivi speċifiċi meħuda skont l-Artikolu 6, inkluż l-ammont ta' kontenut terroristiku li jkun tneħħa jew ikun diżattivat l-aċċess għalih u l-perjodi taż-żmien korrispondenti;
 - (c) informazzjoni dwar l-għadd ta' proċeduri ta' lment mibdija u l-azzjonijiet meħuda minn min joffri servizzi ta' hosting skont l-Artikolu 10;

- (d) informazzjoni dwar l-għadd ta' proċeduri ta' rimedju mibdija u d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali.
2. Sa mhux aktar tard minn [*sena mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-eżiti, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament. Il-programm ta' monitoraġġ jenħtieġ li jstabbilixxi l-indikaturi u l-mezzi li bihom u l-intervalli li fihom tinġabar id-*data* u evidenza oħra neċessarja. Dan il-programm jenħtieġ li tispeċifika l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-ġbir u l-analiżi tad-*data* u evidenza oħra għall-monitoraġġ tal-progress u jevalwaw dan ir-Regolament skont l-Artikolu 23.

Artikolu 22
Rapport ta' implimentazzjoni

Sa... [*sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Informazzjoni dwar il-monitoraġġ skont l-Artikolu 21 u l-informazzjoni li tirriżulta mill-obbligi ta' trasparenza skont l-Artikolu 8 għandhom jiġu kkunsidrati fir-rapport tal-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tnejn tar-rapport.

Artikolu 23
Evalwazzjoni

Sa mhux aktar tard minn [*tliet snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż il-funzjonament tal-effettività tal-mekkaniżmi ta' salvagwardja. Fejn xieraq, ir-rapport jiġi akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tnejn tar-rapport.

Artikolu 24
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [sitt (6) xhur wara d-dħul fis-seħħ tiegħu].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President